**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Kevin Vella**

Numru 64/2013

Illum 27 ta' Settembru 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Kevin Vella,** ta' dsatax (19)-il sena, iben John u Helen nee' Spiteri imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-28 ta' Frar 1994, u residenti fil-fond 106, Triq Santa Dminka, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta' tal-Identita' bin-numru 16594(G), akkuzat talli nhar 15 ta' Gunju 2013 u fix-xhur ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-

medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-

importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghek skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) u 8(d), tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi produca, biegh jew xorta ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu droga ristretta u psikotropika (ecstasy), kontenenti, s-sustanza (methlenedioxyamphetamine**)** li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Profissjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ttraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap.

31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "BS 6").

**Il-fatti specie tal-kaz**

Fis-sittax (16) ta' Ġunju elfejn u tlettax (2013) qrib nofsillejl waqt li l-pulizija kienu qegħdin fl-inħawi tal-Imġarr ix-Xini limiti ta' Sannat, Għawdex kienu sabu disa' (9) pakketti li kien fihom trab abjad u li kien issuspettat li kien kokaina. Dakinhar fl-inhawi kien hemm party bl-isem *Caliente*. Dwar dan il-kaz kien arrestat l-imputat Kevin Vella u t-tfajla tieghu Zael Vella. Id-droga nstabet gol-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBG 375 u li din tgħajjat lil missier Kevin Vella li huwa John Vella. Fil-pussess ta' Kevin Vella kienu nstabu mitejn u għoxrin ewro (€220).

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u

dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-

ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**L-ghodda biex tiddeciedi**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi ghandu jaghzel is-sikrana mill-qamh. Kif se jaghmel dan?

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[1]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[2] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

---

[1] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius vs Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[2] Appell Kriminali Numru. 115/2006

*Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizzejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkazjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-decizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix*

*konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- kaz.*

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**<u>Provi ċirkostanzjali</u>**

Illi fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Abdellah Berrad et</u>** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 ingħad is-segwenti:

*"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-*

*Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilta'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.*

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Lee Borg et.**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmelo Busuttil**: *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

Archbold fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved and other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija eżattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali

nhar id-disgħa (9) ta' Jannar 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.

Il-Qorti tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħall-katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża Il-**Pulizija vs Cyrus Engerer** daħlet fil-fond dwar il-prova ċirkostanzjali u l-konklużjoni univoka, fejn ikkwotat il-ġurista Ingliż Pollock C.B: *"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of"*.

Il-Qorti ziedet tghid li *"biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. In oltre il-konklużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament*

*trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubju dwar l-univoċita' tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita."*[3]

**XHIEDA**

F'dawn il-proceduri xehdu sittax (16)-il xhud kif gej:

*Spettur Bernard Charles Spiteri (a* fol. *40 et seq.), PS342 Johan Said (a* fol. *45), PC 60 John Grima (a* fol. *51 et seq.), PC 951 David Xerri (a* fol. *103 et seq.), Zael Vella (a* fol. *106 et seq.), Spizjar Godwin Sammut (a* fol. *115), Max Xuereb (a* fol. *131 et seq.), PC 1058 Noel Mercieca (a* fol. *166), Spettur Bernard Charles Spiteri (a* fol. *180 et seq.), Zael Vella (a* fol. *183 et seq.), PC 951 David Xerri (a* fol *189 et seq.), PC 60 John Grima (a* fol. *205 et seq.), l-imputat Kevin Vella (a* fol. *240 et seq.), John Vella (a* fol. *260 et seq.), Lorton Spiteri (a* fol. *275 et seq.) u PC 967 Aidan Vella (a* fol. *279 et seq.).*

L-**Ispettur Bernard Charles Spiteri**[4] xehed li fis-sittax (16) ta' Ġunju elfejn u tlettax (2013) kien infurmat għall-habta tas-siegħa u kwart ta' filgħodu (~1.15 a.m.) mis-surġent Johan Said illi waqt li kienu qegħdin fl-inħawi tal-Imġarr ix-Xini limiti ta' Sannat, Għawdex, huma kienu waqqfu lil imputat Kevin Vella, li dan fil-pussess

[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Michael Mallia) Il-**Pulizija (James Grech) vs Cyrus Engerer** deċiża 08 ta' Mejju 2014.
[4] Seduta tat-30 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 40 *et seq.*)

tiegħu kienu sabu disa' (9) pakketti li kien fihom trab abjad u li kien issuspettat li kien kokaina. Huma kienu nfurmawh ukoll illi fil-preżenza tiegħu kien hemm ċertu wkoll Zael Vella u li l-vettura li nstabu fiha hija vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBG 375 u li din tgħajjat lil missier Kevin Vella li huwa John Vella. Fid-dawl ta' dan, dawn iż-żewġ persuni ġew arrestati. Il-pulizija kienu nfurmawni li dawn id-disa' pakketti kienu sabuhom fuq in-naħa ta' wara ta' din il-vettura. Fil-pussess ta' Kevin Vella kienu nstabu mitejn u għoxrin ewro (€220). Dwar dan kienet infurmata l-Maġistrat tal-Għassa Dottor Josette Demicoli, li kienet fetħet inkjesta.

Nhar is-sittax (16) ta' Ġunju, waranofsinhar huwa kellem lil Kevin Vella wara wkoll li kien ingħata twissija dwar id-drittijiet legali tiegħu hu kien għażel ukoll li ma jikkonsultax ma' avukat. U meta kien mistoqsi kif dawn il-pakketti kienu spiċċaw fil-vettura tiegħu hu qal li ma kienx jaf u kien qal ukoll li fejn kienu nstabu dawn il-pakketti il-bieba tal-karozza tiegħu ma kinitx imsakkra u li anke wkoll li l-ħġieġa hu kien insiha mniżżla. Hu qal li dawk qatt ma kien rahom u li kien ċaħad li qatt ħa kokaina jew anke wkoll li kien ħa xi tip ta' droga oħra. Dakinhar li sehh dan il-kaz fil-bajja ta' Imġarr ix-Xini bejn is-Sibt u l-Ħadd ħmistax (15) u s-sittax (16) ta' Ġunju kien qed jiġi organiżżat party.

Zael Vella waqt l-istharrig qalet li kienet it-tfajla tal-imputat, u li kienet qalet li aktar qabel waqt il-party kienet rat lil Kevin Vella li kellu fil-pussess tiegħu wkoll dawn il-pakketti li kienu nstabu mill-

pulizija fil-vettura tiegħu. Hi kienet qalet ukoll li kien hemm xi okkażjonijiet oħrajn fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel li dan Kevin Vella kien għaddielha xi drabi l-ecstacy, xi pillola, u dan kien dejjem għaddihomlha mingħajr ħlas u kien hemm xi drabi meta kien għaddielha xi joint tal-kannabis. Meta kien mistoqsi dwar dawn l-allegazzjonijiet Kevin Vella kien dejjem ċaħad li hu kien għadda dawn l-affarijiet, kemm lil Zael u anke wkoll lil xi persuni oħrajn. Kevin Vella fis-sittax (16) ta' Ġunju kien irrilaxxa stqarrija lill-pulizija u li kien għażel li ma jiffirmax.

Waqt il-**<u>kontro eżami l-Ispettur Bernard Charles Spiteri</u>** spjega li Zael Vella irrilaxxat żewġ stqarrijiet, waħda f'nofsinhar nieqes għaxra (11.50 a.m.) u l-oħra fis-sitta u għaxra (6.10), fis-sittax (16) ta' Ġunju t-tnejn li huma. U tal-imputat Kevin Vella kienet fit-tlieta u nofs (3.30) tas-sittax (16) ta' Ġunju.

*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*
*Ngħid tajjeb ukoll li sussegwentement int kont tlabt lil din Zael Vella sabiex tikkonferma din l-istqarrija bil-ġurament?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Bil-ġurament, hekk hu.*
*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*
*Ngħid tajjeb li partijiet mill-istqarrijiet li għamlet lilek fil-fatt hija ma kkonfermathomx bil-ġurament u effettivament hi irtirat parti minn dak li kienet qalet?*
*<u>Ix-xhud:</u>*

*Jekk mhux sejjer żball hemm xi ħaġa minnha imma dik qiegħda mniżżla u kkonfermata quddiem il-Magistrat.*

<u>*Avukat Dottor Joseph Giglio*</u>*:*

*U qabel ma inti ħadt hadt l-istqarrija ta' Zahel Vella, jekk jogħġbok, ingħatat xi kura medika għall-istat li kienet qiegħda fih? Jew just ħadtilha l-istqarrija?*

<u>*Ix-xhud:*</u>

*Le, sa fejn għandi amment jien ma ngħatat l-ebda kura medika u hi ma talbitx li tingħata xi kura. Sa fejn għandi amment jien.*

<u>*Avukat Dottor Joseph Giglio*</u>*:*

*Però jekk nifhem tajjeb meta hija kienet ġiet arrestata mill-pulizija kienet effettivament kienet qegħdha tivvomta.*

<u>*Ix-xhud:*</u>

*Iva, iva. Hekk hu. Kienet qegħdha skużi tirremetti.*

<u>*Avukat Dottor Joseph Giglio*</u>*:*

*Minn hemm però ħadtuha l-għassa u ħadtulha din l-istqarrija?*

<u>*Ix-xhud:*</u>

*Dak kien mal-lejl. Imbgħad jien filgħodu, għax huma arrestawha għal ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (~ 1.00 a.m.), xi ħaġa hekk kien. Imbagħad jiena kellimthom xħin dħalt xogħol għall-ħabta kienu xi l-għaxra (~ 10.00).*

[…]

**Fis-sittax (16) ta' Ġunju f'xi l-għaxra ta' filgħodu (~ 10.00 a.m.). Imbagħad l-istqarrija ħadtha f'nofsinhar nieqes għaxra (11.50 a.m.). Dak il-ħin kienet tidher li hija**

**f'sensiha u ma talbet għall-ebda kura medika**. (Enfazi tal-Qorti.)

L-**<u>Ispettur Bernard Charles Spiteri</u>** kompla jkun kontro-ezaminat fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015[5]:

*<u>Difiża</u>:*

*Issa, konsegwenza ta' din l-istqarrija li tagħtek Zael Vella fl-għassa tal-pulizija li mbagħad marret quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u irrittrattat parti minnha, imbagħad ġiet hawn u irrittrattat parti oħra minnha, jekk mhux kważi kollha, int qed tgħid li bqajt tindaga fuq dak li qaltlek fl-għassa,*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Sewwa, sewwa,*

*<u>Difiża</u>:*

*Ngħid tajjeb li inti proċeduri ulterjuri fil-konfront ta' xi ħadd, fuq dak li qaltlek, ma ħadtx.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Fuq dak li qaltli hi biss, le, ma ħadtx.*

*<u>Difiża</u>:*

*Le. Vuoldiri, ara hux qed nifhem tajjeb, inti bqajt tinvestiga fuq dak li qaltlek fid-depot, biex ngħid hekk, fl-għassa, però minn dak illi hija qaltlek ma rriżultalek xejn.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le. Jiena fuq dak li qaltli hi biss ma ressaqt lil ħadd il-Qorti. Għax jiena mhux ħa nressaq fuq dak li qaltli hi biss.*

---

[5] *A fol.* 180 *et seq.*

*Difiża:*

*U mill-investigazzjonijiet imma ulterjuri li għamilt wara ma rriżultalekx aktar minn dak li qaltlek hi allura.*

*Ix-xhud:*

*S'issa ma rriżultalniex, s'issa.*

*Difiża:*

*Tifhem u tapprezza li dan il-każ imur lura għal Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013).*

*Ix-xhud:*

*Tlettax ('13) iva.*

*Difiża:*

*U mill-investigazzjonijiet ulterjuri li għamilt fuq dak li qaltlek hi, ma rriżultalek xejn.*

*Ix-xhud:*

*S'issa ma rriżultax. Jista' jkun li jinqalgħu xi każijiet imbagħad, imma s'issa ma rriżultawx. S'issa rrid nitħadtu.*

*Difiża:*

*Ma rriżultalekx.*

L-Ispizjar **Godwin Sammut**[6], espert tal-Qorti xehed li mill-analiżi li kien ghamel fuq trab ta' lewn abjad u bħala konklużjoni f'estratti meħuda minn dan l-istess trab instabet is-sustanza kokaina. Il-piż

[6] Seduta tal-Erbgħa 22 ta' Jannar 2014

totali ta' dan it-trab kien ta' four point zero four grammi (4.04 gms.) u l-purità kienet ta' ċirka twenty eight per cent (~ 28 %)[7].

Ix-xhud **<u>PC 60 John Grima</u>**[8] xehed li fil-ħmistax (15) ta' Ġunju tal-elfejn u tlettax (2013) għal ħabta ta' xi nofsillejl nieqes kwart (~ 11.45 p.m.) kien xogħol flimkien mas-surġent 342, PC 951 u kienu qiegħdin Imġarr ix-Xini limiti ta' Sannat. Kien hemm party bl-isem *Caliente*. Hemmhekk kienu qegħdin għall-osservazzjoni u hekk kif kienu hemmhekk raw persuna tiela'. Kienet Zael Vella tiela' ma' tnejn qegħdin jerfgħuha fuq spallithom. Xħin waslu fejn tal-emerġenza tal-ERCC, tal-emerġenza marru fuqhom u staqsewhom jekk għandhiex bżonn xi għajnuna. L-imputat Kevin Vella irrifjuta l-għajnuna. Dan baqa' tiela' t-triq 'il fuq u f'nofs qisu t-triq hemm qisu passaġġ li jagħti għal fejn il-vilel Ta' Ċenċ. Dawn telgħu 'l hemm fuq u l-pulizija baqghu josservawhom minn hemm isfel.

*U xħin rajna li tbiegħed daqxejn minna aħna bdejn telgħin man-naħa t'isfel tal-blat, hekk, telgħin 'il fuq, u xħin kważi wasalna fuq kien hemm raġel ieħor, kien irqiq, u malli rana wasalna kważi fejnu dan telaq jiġri.*

*<u>Il-Qorti:</u>*

*Kevin Vella?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Le, le.*

*<u>Il-Qorti:</u>*

---

[7] *A fol.* 115

[8] Seduta tat-30 ta' Ottubru 2013

*Raġel ieħor.*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Kien hemm raġel ieħor qiegħed fuq. Dan telaq jigri u aħna, jien u PC 951 tlaqna niġru għal warajh. Dan kellu l-karozza qiegħda pparkjata hemmhekk u daħal ġol-karozza tiegħu jiġri u telaq jiġifieri. Aħna hemmhekk karozza ma kellniex u ma stajniex niffolowjawh. Aħna u sejrin lura jien u PC 951 kien hemm is-surġent fejn il-vettura, ngħidlek in-numru, EBG 375, kien qiegħed josserva x'inhu jiġri f'din il-karozza, u hemmhekk ra kien hemm Zael u Kevin Vella ġol-karozza. Xħin wasalna hemmhekk fejnhom, maġenb is-surġent, is-surġent qalilna biex insomma biex inkellmuhom u naraw għandhomx bżonn xi ħaġa dawn. Xħin iddentifikajna ruħna li aħna pulizija u staqsejnihom jekk għandhomx bżonn xi ħaġa dan* ***Kevin Vella qabad u daħħal idu fil-but, kellu s-seat tiegħu tad-driver kien imniżżel kollu, imtedd fuq is-seat, daħħal idu ġol-but u s-surġent ġibdilna l-attenzjoni, qalilna li dan daħħal idu fil-but. U ġrejna n-naħa l-oħra, ġrejna n-naħa tad-driver għax konna n-naħa tal-passiġġier aħna, u hekk eżatt malli wasalt mal-bieba dan prova jiftaħ il-bieba u żammejt il-bieba jien u ma kellux mod ieħor. Kellu borża f'idu u qabad u tefagħha bejn is-seat u s-seat belt. Niżżel idu hekk u tefa' xi ħaġa taħt is-seat tiegħu dan.*** *U nfurmajt lis-surġent u s-surġent qalli, "iċċekkja wara."* ***Ftaħt il-bieba ta' wara u sibt borża kien fiha disa' (9) qratas, kien fiha disa' qratas li kienu qiegħdin ġo pakketti li kienu trasparenti u sustanza illegali x'aktarx***

***li kienet coke insomma.*** *Aħna infurmajnihom mill-ewwel li se narrestawhom. (*Enfazi tal-Qorti.)[9]

Waqt il-kontro-ezami **PC 60 John Grima[10]** fl-20 ta' Jannar 2016 xehed:

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*... illi meta ġejtu lura s-surġent qalilkom dawn il-preċiżi kelmiet: "Illi dehrlu illi ra moviment minn naħa tas-Sur Vella fejn deherlu illi rah jarmi xi ħaġa." Dan kliem is-Surġent lilkom kif wasaltu lura. Qed jgħidilkom: "isma' jiena rajtu jagħmel moviment, naħseb illi rema xi ħaġa." Dan il-kliem illi qed jgħdilna n-951 mingħand is-surġent tiftakru?*

*Ix-Xhud:*

*Xħin wasalna fejn is-surġent, sewwa, xħin wasalna fejn is-surġent, is-surġent kien qiegħed diġá qed josserva x'inhu jiġri ġol-karozza għax kien hemm il-bozza ta' ġewwa mixgħula, sewwa?*

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Bravu.*

*Ix-Xhud:*

*Issa s-surġent ra illi Zael kienet mitlufa minn sensiha u hekk u qalilna: "Ejja ħa mmoru nistaqsuha jekk għandix bżonn xi ħaġa." U morna ersaqna mat-tieqa għax kienet miftuħa t-tieqa wkoll,*

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Allura issa qed tirreferi għat-tieqa tal-passiġġier.*

*Ix-Xhud:*

[9] *A fol.* 51 *et seq.*
[10] *A fol.* 205 *et seq.*

*It-tieqa tal-passiġġier għax kienet in-naħa ta' barra tat-triq biex nifthemu.*

*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*

*Eżatt.*

*<u>Ix-Xhud</u>:*

*U morna fejnhom insomma u għidnilhom, identifikajna rwieħna illi aħna Pulizija u għdinilhom: "Isma' għandkom bżonn xi ħaġa jew?" U xħin għidnilhom illi aħna Pulizija qisu beda jgħdilna: "Le, le, ma għandix  bżonn, ma għandix bżonn."*

*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*

*Ieqaf f'nofs minuta. F'dan il-mument partikolari, ara hux qiegħed ngħid tajjeb illi s-Sur Kevin Vella fil-fatt kien qiegħed*

*<u>Ix-Xhud</u>:*

*Fuq in-naħa tad-driver.*

*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*

*Taf kif daħa biex wasal għal hemmhekk? Jew dak il-moviment inti ma rajtux?*

*<u>Ix-Xhud</u>:*

*Jiena ma rajtux dak.*

*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*

*Ma rajtux. Però jekk nissuġerilek illi minn naħa tal-bieba tax-xufier illi allura issa stabbilejna illi l-karozza ta' Vella hija pparkjata 'l isfel u n-naħa tax-xufier hija pparkjata bil-bieba maċ-ċint u mal-ħaxix.*

*<u>Ix-Xhud</u>:*

*Ma kienx hemm ċint naħseb. Ħaxix kien hemm.*

*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*

*Ċint qalilna, kien hemm ċint.*

*Ix-Xhud:*

*Ma nafx ifhimni.*

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Però l-bieba tax-xufier ma tistax tiftaħha biex tidħol fil-vettura tiegħek proprju minħabba illi hija viċin iċ-ċint.*

*Ix-Xhud:*

*Kont tidħol naħseb taf.*

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Inti ppruvajt tidħol?*

*Ix-Xhud:*

*Jien ma ppruvajtx nidħol.*

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Sorry?*

*Ix-Xhud:*

*Jiena ma ppruvajtx nidħol imma l-bieba mbagħad kif spjegajt iktar tard fix-xhieda tiegħi meta ftaħt il-bieba ta' wara, ftaħtha jiġifieri, u l-borża minn dik in-naħa ħriġtha jiġifieri.*

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Però meta ftaħt, ftaħt minn naħa ta' fejn kien hemm il-passiġġier jew ix-xufier?*

*Ix-Xhud:*

*Id-driver.*

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Ara n-951 qed jgħidli illi differenti dan. Qiegħed jgħidli illi meta wasltu lura ħdejn il-Pajero "is-surġent qalilna illi kellu dan is-suspett"*

Ix-Xhud:

*Sewwa.*

Avukat Dottor Joseph Giglio:

*Qed jgħidilna illi l-ieħor all right għamel il-U-turn u telaq. Ma jiftakarx f'dan il-mument partikolari x'ġara minn dawk it-tnejn l-oħra illi kienu qegħdin oriġinarjament jassistu lil Vella jġorr lil Zael, però huwa qed jgħid illi f'dan il-mument ma rahomx. Jgħidilna wkoll però illi "Kelli nitla' fuq iċ-ċint" all right jiġifieri dan bilfors ra xi ċint baxx.*

Ix-Xhud:

*U le, kien hemm forsi filata kien hemm ċint jew ma nafx.*

Avukat Dottor Joseph Giglio:

*Hekk he, hekk hu. "Biex inżomm il-bieba xħin is-surġent tani l-ordni biex nxomm il-bieba n-naħa tax-xufier. Għaliex il-bieba tan-naħa tax-xufier tal-Pajero tant kienet viċin taċ-ċint illi inti għalkemm tista' tiftaħha ma tistax tidħol u toħroġ minnha." Jiġifieri, all right fhimtek, mela għalkemm tista' tiftaħha ma tistax tidħol u toħroġ minnha.*

Ix-Xhud:

*Issa hekk ma nafx.*

Avukat Dottor Joseph Giglio:

*All right, jiġifieri inti kull ma għamilt mhux dħalt jew ħriġt mill-bieba ta' wara.*

Ix-Xhud:

*Le.*

Avukat Dottor Joseph Giglio:

*Daħħalt idejk*

_Ix-Xhud_:

*Ftaħt, ifhimni ma naħsibx illi kont tidħol kollok imma eżatt eżatt ifhimni,*

_Avukat Dottor Joseph Giglio_:

*Ma tafx.*

_Ix-Xhud_:

*Imma ifhimini jien xħin ftaħt per eżempju ġiet eżatt hemmhekk illi stajt nippikjaha minn hemmhekk.*

_Avukat Dottor Joseph Giglio_:

*Mingħajr ma tidħol, ma tipprova tidħol jew toħroġ fil-karozza.*

_Ix-Xhud_:

*Le, le, ma dħaltx ġol-karozza jiġifieri.*

_Avukat Dottor Joseph Giglio_:

*Ma dħaltx fil-karozza.*

_Ix-Xhud_:

*Le, le. Just kemm ftaħt il-bieba.*

_Avukat Dottor Joseph Giglio_:

*Tiftaħ il-bieba u jekk trid iddaħħal idejk biex tiġbor xi ħaġa dan tista' tagħmlu.*

_Ix-Xhud_:

*Iva.*

_Avukat Dottor Joseph Giglio_:

*Però jekk inti trid idaħħal ġismek kollu biex toqgħod bil-qiegħda,*

_Ix-Xhud_:

*Le jien ma ppruvajtx nidħol.*

*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*

*Ma tafx għax ma ppruvajtx.*

*<u>Ix-Xhud</u>:*

*Ma ppruvajtx le.*

*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*

*Ma ppruvajtx. Issa s-Sur Vella f'dan il-mument partikolari, inkun qiegħed ngħid tajjeb illi kien qiegħed fuq is-seat tax-xufier,*

*<u>Ix-Xhud</u>:*

*Sewwa.*

*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*

*Liema seat tax-xufier kien qisu,*

*<u>Ix-Xhud</u>:*

*Kien qiegħed inklinat lura diġá.*

*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*

*Kien inklinat lura, bravu. Tiftakar fejn kienet il-handle fil-Pajero biex inti tipprova ttella' din is-seat?*

*<u>Ix-Xhud</u>:*

*No.*

*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*

*Ma tafx. Inti  lis-Sur Vella biex wasal fis-seat tiegħu tax-xufier fejn kien bilqiegħda, allura kif daħal ma tafx?*

*<u>Ix-Xhud</u>:*

*Ma nafx, ma nafx.*

*<u>Avukat Dottor Joseph Giglio</u>:*

*Ma tafx. Jekk allura jiena nissuġġerilek illi proprju minħabba l-fatt illi l-Pajero kienet viċin iċ-ċint u filwaqt illi tista' tiftaħ il-bieba però bniedem ma jidħolx, jekk nissuġġerilek illi hu daħal minn*

*naħa l-oħra, mis-seat ta' wara tal-istess Pajero, mill-bieba ta' wara l-passiġġier tal-istess Pajero...*

*Ix-Xhud:*

*Ma għandix idea, ma rajtux żgur. Għax aħna morna niġru wara l-ieħor u malli tlajna*

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Però inti dik ma rajthiex.*

*Ix-Xhud:*

*Għax aħna bdejna l-ġirja minn fuq il-blat, jiġifieri bqajna telgħin għal ġot-triq u bqajna sejrin wara l-ieħor 'il fuq. Fuqu kien il-focus dak il-ħin.*

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Allura inti dik il-biċċa ma rajthiex.*

*Ix-Xhud:*

*Kif daħal u hekk ma għandix idea. Jekk seta' forsi rah is-surġent, għax is-surġent waqaf hemmhekk*

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Biex jagħmel dan l-analiżi. U allura l-aħħar domanda illi ridt bilfors insaqsik hija din: inti konxju mill-fatt illi t-tieqa ta' wara tal-Pajera ta' wara kienet miftuħa?*

*Ix-Xhud:*

*Ma nafx.*

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Tiftakru dan il-fatt jew ma tiftakrux?*

*Ix-Xhud:*

*Le taf.*

*Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Ma tiftakrux.*

***Ri-eżami***

*<u>Spettur Bernard C. Spiteri</u>:*

*Meta ġejtu biex tiftħu l-bieba ta' wara,*

*<u>Ix-Xhud</u>:*

*Sewwa.*

*<u>Spettur Bernard C. Spiteri</u>:*

*Din kienet imsakkra jew kienet miftuħa?*

*<u>Ix-Xhud</u>:*

*Miftuħa, miftuħa. Miftuħa fis-sens hawn li l-lock kien imtella', kemm erfajt il-handle u daħħalt idi.*

Ix-xhud **<u>PC 951 David Xerri[11]</u>** spjega li nhar il-ħmistax (15) ta' Ġunju tal-elfejn u tlieta (2003) kienu qegħdin jattendu waqt party li kien qed isir fil-Bajja ta' Imġarr ix-Xini ġewwa Sannat, Għawdex b'isem Calienete Estate. Kif kienu fejn il-ħruġ tal-istess party innutaw lil zewg persuni li wara rriżulta li huwa l-imputat Kevin Vella u lil Zael Vella. L-imputat Kevin Vella kien qed jerfa' lil Zael Vella u ma kinitx tidher li hija f'sensiha. Hekk kif kienu ħerġin mill-istess party marru fuqha tal-*first aid* u staqsewhom, qalulhom, "għandkom bżonn xi ħaġa?" u huma nnegaw li għandhom bżonn xi ħaġa, Kevin Vella qallhom, "ħa nwassalha d-dar". Is-Surġent 342 u PC 60 marru jaraw fejn huma sejrin peress li daħlu minn ġo sqaq li kien imdallam.

[11] Seduta tal-11 ta' Diċembru 2013

*Aħna qtajna short cut għaddejna minn ġol-blat, hekk minn fuq il-blat, hekk kif konna qiegħdin insegwuhom, innutajna persuna oħra ta' sess maskili li kien qiegħed fuq ċint, qisu qed iħares lejna; hekk kif dan rana ġejjin hu ħarab jiġri. Jiena flimkien ma' PC 60 ħrabna niġru wara din il-persuna, fl-istess ħin is-surġent 342 qagħad isegwi lil Kevin, kif ukoll lil Zael. Aħna bqajna niġru warajh jiġifieri hekk tul ta' ħames mitt metru (500 m.) bejn fejn kien hemm Kevin u Zael, u s-surġent baqa' fejn il-vettura ta' Kevin Vella, b'numru EBG 375. Kif dan il-persuna rikeb ġol-karozza, il-persuna l-oħra ħarab jiġri, aħna ma stajniex la ninnutaw in-number plate, xejn, lanqas il-karozza. Hekk kif konna resqin lura fejn kienet il-karozza ta' Kevin Vella, is-surġent għajtilna, qalilna, "iġri, iġru, żommu l-bieba tal-karozza tan-naħa tax-xufier!" għax wara kien irriżulta li s-surġent kien qal li rah joħroġ xi ħaġa minn ġol-but u jitfagħha fuq in-naħa ta' wara tal-vettura. Jiena żammejt il-bieb tax-xufier, PC 60 fetaħ il-bieba tan-naħa ta' wara tax-xufier fejn minn hemmhekk sab borża li hemmhekk kien hemm disa' (9) pakketti qisu trab abjad. Dak il-ħin is-surġent 342 infurmah bl-arrest tiegħu u tah id-drittijiet kollha. Saret tfittxija dak il-ħin stess fuqu, fuq fuq, ma nstab xejn. Il-pakkett żammejtu jiena fil-but tiegħi u l-ħin kollu qgħadt fil-preżenza ta' Kevin Vella. Tlabna l-assistenza ta' vettura peress li aħna ma kellniex vettura, ġew għalina, ħadnihom ġewwa l-għassa tal-pulizija tar-Rabat, Għawdex, saret tfittxija fuqhom sewwa, ma nstab xejn relatat mad-droga fuq il-persuna ta' Kevin Vella kif ukoll ta' Zael Vella. Ġie infurmat l-Ispettur Bernard Charles*

*Spiteri. Tana struzzjonijiet biex nagħmlu tfittxija intensiva fid-dar ta' Kevin Vella kif ukoll għax hu qal li għandu ż-żwiemel, morna ġod-dar tiegħu u fittixna kullimkien. Ma nstab xejn relatat mad-droga iżjed. L-affarijiet li sibna ġew issiġillati fil-preżenza tiegħu.*[12]

Ix-xhud **<u>PC 951 David Xerri</u>** xehed in kontro ezami fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2015. Ix-xhud spjega fid-dettal dak li sehh meta persuna li kienet fuq il-post harbet meta l-pulizija grew warajh.

*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*
*Minn hemm 'il quddiem inti spjegajt illi imbagħad sejjaħlek lura s-Surġent 342, u qallek ejja lura għax kellu xi suspett li l-aħjar,*
*<u>Xhud</u>:*
*Iva. "Iġru, iġru", niftakar sewwa. Qalilna: "Iġru, iġru. Ejjew 'l hawn".*
*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*
*Dan qed jgħidulek permezz ta' radio?*
*<u>Xhud</u>:*
*Le, le, le. Jgħajjat, jgħajjat.*
*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*
*Il-kelma "Iġru, iġru, ejjew lura" qed jagħtihielkom bħala ordni, wara li qtajtu qalbkom tiġru wara,*
*<u>Xhud</u>:*

[12] *A fol.* 103 *et seq.*

*Eżattament, eżattament, għax hu induna illi l-karozza ħarbet tiġri u aħna għadna niġru,*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Baqgħet sejra. Jiġifieri ġrejt il-ħames mitt metru (500m,*

*Xhud:*

*Eżatt.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Iddeċiedejtu li tieqfu u dduru lura? Jew qed tiġru l-ħames mitt metru (500m), u waqt li qed tiġru l-ħames mitt metru (500m) qed tisma' lis-Surġent jgħajtilkom "Ejjew lura"?*

*Xhud:*

*Le. Aħna konna waqafna, jiena u PC 60, u qegħdin nitkellmu ma' xulxin, u kif rana weqfin is-Surġent qalilna: "Iġru, iġru, ejjew 'l hawn".*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*"Iġru u ejjew lura." U hemmhekk meta ġejtu lura qalilkom illi dehrlu li ra moviment minn naħa tas-Sur Vella fejn dehrlu li rah jarmi xi ħaġa.*

*Xhud:*

*Hekk qal.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Hekk qallek. Meta qed jgħidulek dan il-kliem, qed nifhem tajjeb illi PC 60 qiegħed miegħek?*

*Xhud:*

*Iva.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Jiġifieri mxejtu flimkien.*

*Xhud*:

*Eżattament.*

*Avukat Dottor Joe Giglio*:

*Filwaqt li forsi wieħed minnkom seta' ġera iżjed mill-ieħor,*

*Xhud*:

*Eżattament.*

*Avukat Dottor Joe Giglio*:

*Però imxejtu lura bl-istess pass flimkien.*

*Xhud*:

*Eżatt.*

*Avukat Dottor Joe Giglio*:

*Qed ngħid tajjeb.*

*Xhud*:

*Eżatt.*

*Avukat Dottor Joe Giglio*:

*Jiġifieri wasaltu lura ħdejn il-Pajero flimkien?*

*Xhud*:

*Eżatt.*

*Avukat Dottor Joe Giglio*:

*U hemmhekk infurmakom, lilek u lil PC 60, is-Surġent illi għandu suspett illi rah jarmi xi ħaġa.*

*Xhud*:

*Eżattament.*

*Avukat Dottor Joe Giglio*:

*Ejja nimxu pass ieħor issa. Din il-karozza issa illi allura kienet ipparkjata stabbilejna fuq l-istess naħa tat-triq minn fejn telaq l-*

*ieħor, kienet qiegħda tippunta bl-istess mod kif kienet qed tipponta l-karozza l-oħra,*

*<u>Xhud</u>:*

*Eżatt, għax kellu jagħmel U-turn.*

*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*

*Għax kellu jagħmel U-turn. Meta wasalt inti, ngħid tajjeb illi Zael Vella kienu diġà daħħluha fis-seat tal-passiġġier.*

*<u>Xhud</u>:*

*Iva.*

*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*

*Issa, ara hux qed ngħid tajjeb ukoll illi meta wasalt inti u l-PC 60, is-Sur Vella, Kevin Vella issa, it-tnejn l-oħra li kienu qed jassistu,*

*<u>Xhud</u>:*

*Ma nafx x'ġara minnhom  jiġifieri jiena.*

*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*

*Ma tafx x'ġara minnhom.*

*<u>Xhud</u>:*

*Ma nafx. Ma għandix idea.*

*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*

*F'dak il-mument illi ġejt lura ma rajthomx iżjed.*

*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*

*Nimmaġina illi s-Surġent bagħthom 'il hemm jew xi ħaġa hekk, nimmaġina jiena. Imma jiena ma rajthomx hemm xħin erġajt lura wara l-ġirja.*

*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*

*Sewwa. Inti  l-aħħar li rajthom qabel ma tlajt fuq iċ-ċint.*

*<u>Xhud</u>:*

*Xħin qlajnihom.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Xħin?*

*Xhud:*

*Xħin qlajnihom.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Sewwa. Ġejt lura. Is-Sur Vella fejn kien?*

*Xhud:*

*Jekk niftakar tajjeb kien fuq in-naħa tax-xufier.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Sewwa. Issa,*

*Xhud:*

*U kien qed ikellem lil Zael niftakar għax ma kienetx qed tħossha sewwa, niftakar sewwa.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Sewwa. Issa ara hux qegħed ngħid sewwa illi biex tidħol f'din il-vettura, din il-Pajero illi kellu s-Sur Kevin Vella, kienet iżjed inkaxxata mal-ħajt. Filwaqt illi l-karozza ta' dak illi ħarab seta' jagħmel il-manuvra illi jidħol minn naħa tax-xufier normali, din kienet iżjed inkaxxata mal-ħajt. Qed ngħid sew?*

*Xhud:*

*Qed tgħid sew għax jien kelli nitla' fuq iċ-ċint biex inżomm il-bieba xħin is-Surġent kien tani l-ordni biex inżomm il-bieba tan-naħa tax-xufier.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Għaliex il-bieba tan-naħa tax-xufier tal-Pajero tant kienet viċin taċ-ċint illi inti għalkemm tista' tiftaħha ma tistgħax tidħol u toħroġ minnha.*

*Xhud:*

*Eżatt.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Qed ngħid sew?*

*Xhud:*

*Eżatt.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Jekk jiena anke nissuġġerilek illi biex daħal fil-Pajero, ara tiftakarx inti u miexi lura issa. Inti u miexi lura ara tiftakarx dan il-moviment, mela għandek lil Zael Vella daħlet fil-karozza fis-seat tal-passiġġier. Inti rajtha dieħla?*

*Xhud:*

*Ma rajthiex. Ma tajtx kas.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Mela f'dak il-mument inti probabilment kont għadek qed tiġri 'l fuq.*

*Xhud:*

*Jien lilhom rajthom fil-karozza. Xħin is-Surġent qalli ejja lura jien sibthom fil-karozza. Zael kienet fuq in-naħa tal-passiġġier u Kevin Vella fuq in-naħa tax-xufier.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Is-seat tax-xufier, all right, ara nissuġġerilekx illi kien imniżżel?*

*Xhud:*

*Niftakar illi Kevin kien mindud fuq is-seat, u Zael kellha rasha fuqu hekk, xħin mort jiena.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Xħin mort inti. Meta qed tgħid mindud jiġifieri mhux għax kien qiegħed rieqed.*

*Xhud:*

*Inklinat lura.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Inklinat lura.*

*Xhud:*

*Le, le, ma kienx rieqed. Ma kienx rieqed. Ma kienx.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Kien laħaq beda jagħmel il-moviment biex itella' s-seat?*

*Xhud:*

*Ma għandix idea ta. Ma niftakarx.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Ma tiftakarx.*

*Xhud:*

*Ma niftakarx.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*Però taf żgur illi s-seat tax-xufier kien 'l isfel, f'xi mument reġa' ittella', ma baqax 'l isfel.*

*Xhud:*

*Xħin konna, xħin instab il-pakkett minn PC 60 u konna ħa mmorru bil-vettura lura lejn l-għassa tar-Rabat, niftakar illi kien sab xi problema biex itellgħu s-seat, jekk niftakar tajjeb. Qal:*

*"għax dan ma jaħdimx sewwa." U kien ħa battikata biex tellgħu 'il fuq.*

*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*

*Tiftakar ukoll għalfejn issa, la ddiskutejtu dan is-seat, kellu jitniżżel dak is-seat? Jekk jien nissuġġerilek, issa jekk tiftakar tiftakar, jekk ma tiftakarx ma tiftakarx, għax il-moviment ma rajtux inti.*

*<u>Xhud</u>:*

*Ma rajtux, ma rajtux.*

*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*

*Jekk nissuġġerilek illi biex jidħol fil-karozza tiegħu, ġaladarba għandek lil Zael fuq is-seat tal-passiġġieri illi hija fl-istat illi hi, il-bieba tax-xufier ma tistax tidħol minnha ġġaliex qiegħda viċin wisq taċ-ċint illi inti tlajt miegħu sabiex iżżomm il-bieba,*

*<u>Xhud</u>:*

*Iva.*

*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*

*Jekk nissuġġerilek illi dan kellu jidħol allura mill-bieba tal-, minn naħa tal-passiġġier, fuq in-naħa ta' wara, jitbaxxa biex iniżżel is-seat u jgħaddi min dik id-direzzjoni ta',*

*<u>Xhud</u>:*

*Jista' jkun il-każ imma jiena ma rajtux.*

*<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*

*Inti ma, jista' jkun il-każ.*

*<u>Xhud</u>:*

*Jiena rajtu fuq, bilqiegħda mindud fuq is-seat.*

*Avukat Dottor Joe Giglio:*

*U naturalment dak illi qed tara inti u dak illi qed tisma' inti fis-sustanza huwa l-istess illi qed jara u jisma' il-PC 60 għax qegħdin flimkien.*

*Xhud:*

*Eżatt.*[13]

Ix-xhud **Zael Vella** li kienet mal-imputat Kevin Vella dakinhar tal-arrest kienet ghamlet zewg stqarrijiet lill-pulizija ftit sighat wara l-arrest kif spjega l-Ispettur Bernard Charles Spiteri. Dawn gew guramentati quddiem il-Magistrat tal-Ghassa Dottor Josette Demicoli. Ix-xhud issejhet mill-prosekuzzjoni biex tixhed fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2013.

Il-Qorti se tipproduci t-traskrizzjoni kollha tax-xhieda taghha quddiem il-Qorti diversament preseduta[14].

*Il-Qorti:*

*Mela, Sinjorina, inti kien hemm xi proċeduri kriminali fil-konfront tiegħek? Kien hemm xi kawża fil-konfront tiegħek?*

*Ix-xhud:*

*Le. Kif?!*

*Il-Qorti:*

*Mela, Sinjorina, inti tista' tikkonfermalna jekk kienx hemm xi kawża fil-konfront tiegħek? Jekk itteħdux passi kriminali fil-konfront tiegħek?*

---

[13] *A fol.* 189 *et seq.*

[14] *A fol.* 106 *et seq.*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*Il-Qorti:*

*Dawn ġew deċiżi?*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*Il-Qorti:*

*Mela, Sinjorina, inti irrilaxxajt xi stqarrija li qed tiġi murija, li hija a fol 15 et sequitur tal-proçes verbal immarkat bħala dokument "JA". Ħa nagħtik iċ-ċans biex tkun tista' taqraha. Taqra taf, hux hekk?*

*Ix-xhud:*

–

*Il-Qorti:*

*Triq twieġeb iva jew le.*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*Il-Qorti:*

*Mela, ħa nagħtik iċ-ċans biex tkun tista' taqraha, imbagħad inkun nista' nsaqsik jekk tikkonfermax dak illi qrajt jew inkella tixtieqx tagħmel xi tibdiliet fiha. Ok?*

Id-depożizzjoni ta' **Zael Vella** kompliet aktar tard dakinhar.

*Il-Qorti:*

*Mela, Sinjorina, ingħatajt iż-żmien illi tkun tista' tara dikjarazzjoni rilaxxata minnek u li tinsab a fol 15 et sequitur ta'*

*dokument "JA" fis-seduta tal-lum. Mela, tista' tikkonfermalna jekk din qrajthiex kollha?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva, qrajtha.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Trid twieġeb sew.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva, qrajtha.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Issa, hemm xi korrezzjoni jew xi kjarifika li xtaqt tagħmel?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Mela, ħa tara l-proċess u kif diġà għidtlek, agħmel riferenza għall-page number u għidtilna xi kjarifika xtaqt tagħmel ta.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jien l-ewwelnett xtaqt ngħid li xħin għamilt l-istatement jien ma kontx f'sensija.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*X'jiġifieri? F'liema sens?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jiena l-lejl ta' qabel xrobt ħafna,*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Sewwa,*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*U għamilt ġurnata lanqas kilt u ntlift minn sensija.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*All right.*

*Ix-xhud:*

*Ma nafx kif wasalt, ma nafx kif spiċċajt ġoċ-ċella, ma naf xejn. Fil-fatt is-surġent Sean Tabone li qalli l-Ħadd filgħodu jiena u dieħla nagħmel l-istatement kellemni u lanqas biss niftakar li kellemni.*

*Il-Qorti:*

*Ok. Mela, ilħaq sfolja l-pages li għandek hemmhekk u jekk xtaqt tagħmel xi korrezzjoni jew xi kjarifika kemm tinfurmana, jekk jogħġbok.*

*Ix-xhud:*

*Li ma niftakarx,*

*Il-Qorti:*

*Mela, fejn? Qed tagħmel riferenza għal liema page?*

*Ix-xhud:*

*Page 18.*

*Il-Qorti:*

*Mela, ma tiftakarx x'hiex, Sinjorina?*

*Ix-xhud:*

*Għax hu hawnhekk jgħidli, "inti tiftakar dak il-ħin li ġew il-pulizija?" U jiena ma niftakar xejn.*

*Il-Qorti:*

*Ma tiftakar xejn. Ok. Ibqa' dawwar. Mela, qed tagħmel riferenza għal page 19. X'għandek hawnhekk?*

*Il-Qorti tinnota li dawn ir-riferenzi qiegħdin isiru għan-numri tal-proçes verbal.*

*Ix-xhud:*

*Page 19 kien hemm biċċa li tefagħli xi ħaġa ġol-basket.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Min?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jiena l-ewwelnett ma niftakar xejn minn dak il-lejl, jiġifieri ma stajtx ngħid li tefagħli xi ħaġa ġol-basket żgur. U meta kien jitfagħli xi ħaġa ġol-basket, kien jitfagħli forsi xi kartiera, imma jiena qatt ma rajtu jagħmel xejn b'għajnejja.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Ok.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*L-istess, hawnhekk page 21 il-Maġistrata kienet għadha tgħidli bil-basket. U dan il-basket jiena li ma ħadthiex fuq ġurament. Page 22, jiena lil Kevin Vella qatt ma rajtu jbiegħ u lanqas jixtri. Jiena kont naf li sieħbu Il-Barri li kien iħawwad imma lilu lil Kevin Vella qatt ma rajtu b'għajnejja.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Kevin Vella jiġi minnek?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*L-għarus tiegħi. U jiena qatt ma rajtu jagħmel xejn b'għajnejja. Jien kont naf x'għamel sieħbu Il-Barri u kelli suspett fih, imma qatt ma rajtu – qatt, qatt – jagħmel xi ħaġa.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Ok.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Eħe, u hawnhekk hawn il-biċċa fejn jien semmejt il-prezzijiet. Jiena l-prezzijiet kont nafhom għax kont nisma' lil sieħbu l-Barri jgħidhom.*

***Il-Qorti:***

***Ħa nwaqqfek waħda, Sinjorina. Inti hemmhekk jirriżulta li dik id-dikjarazzjoni li rrilaxxjajt ħadtha bil-ġurament. Illum qed tgħid –***

***Ix-xhud:***

***Jien ma ħadtx ġurament fuq kollha.***

***Il-Qorti:***

***Kemm sempliċement qed ninfurmak. Illum erġajt ingħatajt il-ġurament. Jekk jirriżulta illi qed tieħu ġurament falz – sempliċement biex ngħidlek – jistgħu jittieħdu passi kriminali fil-konfront tiegħek.***

***Ix-xhud:***

***Le, jiena kif għidtlek, jiena ma niftakarx li għamilt dan l-istatement.***

***Il-Qorti:***

***Però sempliċement qed ninfurmak illi jekk jirriżulta illi ħadt ġurament falz jistgħu jittieħdu passi kriminali fil-konfront tiegħek.***

***Ix-xhud:***

***Jien ma niftakarx li għamilt dan l-istatement, kif għidtlek.***

*Il-Qorti:*

*Mela, x'iktar?*

*Ix-xhud:*

*L-istess jiena hawnhekk –*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Page 23,*

*Ix-xhud:*

*Nixtieq ngħid li lil Kevin qatt ma rajtu jagħmel xejn b'għajnejja.*

*Il-Qorti:*

*Mela għalxiex lill-Maġistrat li ħaditlek l-istqarrija għidtilha hekk?*

*Ix-xhud:*

*Għax jien ma kontx f'sensija xħin għamilt dan l-istatement.*

*Il-Qorti:*

*Sewwa. Kompli sfolja l-pages, ara xi trid tagħmel.*

*Ix-xhud:*

*Kien hemm ta' xi messaġġi.*

*Il-Qorti:*

*X'paġna qed tagħmel riferenza għaliha?*

*Ix-xhud:*

*Page 28.*

*Il-Qorti:*

*Sewwa.*

*Ix-xhud:*

*Jiena, l-istess, jiena kelli suspett fih; jien ma kontx, qatt ma rajtu jagħmel xejn b'għajnejja.*

*Il-Qorti:*

*Iktar?*

*Ix-xhud:*

*U jiena dan l-istatement ħadtu, jien ma kontx f'sensija, kif għidtlek kellemni s-surġent Sean Tabone, qalli hu stess, qalli, qabel ma dħalt nagħmel l-istatement qalli kellemni u jiena xħin qalli ma kont naf b'xejn.*

*Il-Qorti:*

*Daqshekk? M'hemm xejn iktar?*

*Tixtieq iżżid xi ħaġa iktar apparti l-kontenut ta' dak illi hemm hemm u apparti dak li għadek kemm għidt illum?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Għandek xi domandi, Spettur?*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Iva, iva.*

*Inti semmejt diversi drabi li kellmek is-surġent Sean Tabone. Tista' tgħid lill-Qorti meta kellmek is-surġent?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jien, hu lili ġie fuqi u qalli li jien il-Ħadd qabel ma dħalt nagħmel l-istatement kellemni. Però jien ma niftakarx li kellemni. Jiġifieri aħseb u ara kemm kont f'sensija meta għamilt l-istatement.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*U meta ġie qallek hekk is-surġent?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jiena mmur il-gym, jiġifieri narah kważi kuljum.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Imma meta kien li qallek li kellmek? Tiftakar meta kien?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Il-Ħadd filgħodu qabel l-istatement.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Le, le, meta mbagħad wara – għax int qed tgħid il-Ħadd filgħodu ma kontx f'sensik u ma tiftakarx li kellmek.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ma nafx il-ġurnata bl-eżatt meta qalli. Però jien narah kuljum.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Issa, inti tista' tgħid lill-Qorti kemm domt arrestata dwar dan il-każ?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ma nafx, jumejn, ma nafx.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*U kemm domt arrestata tlabt għajnuna, medika?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le. Imma ma kontx sew, xejn.*

(Enfazi tal-Qorti.)

Is-**<u>Surgent 342 Johan Said[15]</u>** esebixxa l-okkorrenza li thejjiet dwar il-kaz u kkonferma l-kontenut taghha.

*<u>Il-Qorti:</u>*

*Int biex tesebixxi l-okkorenza?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Iva Sur Magistrat.*

*<u>Il-Qorti:</u>*

*Ix-xhud esebixxa l-okkorenza[16] li qed tiġi mmarkata bħala dokument "JS 1". Għandek xi ħaġa oħra x'iżżid ma' dik l-okkorenza?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Le, Sur Magistrat.*

***<u>Il-Qorti:</u>***

***Tikkonferma l-kontenut tagħha, hux hekk?***

---

[15] Seduta tat-30 ta' Ottubru 2013 *a fol.* 45
[16] Ref No: PIRS II 10/Z/1706/2013 *a fol.* 16

***Ix-xhud:***

***Nikkonferma l-kontenut tagħha.***

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Inti lill-imputat x'taf tgħidilna dwaru? Inti fl-okkorenza tiegħek hemm imsemmi l-imputat qed tarah fl-awla?*

*Ix-xhud:*

*Iva qed nagħraf lil Kevin Vella bħala l-persuna li kien involut fil-kaz.*

**L-okkorrenza PIRS II 10/Z/1706/2013**[17]

Is-**Surgent 342 Johan Said** ikkonferma l-okkorrenza li huwa hejja waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2013[18].

L-okkorrenza shiha tghid li:

*On the 15/06/2013 at around 23:40hrs whilst Gozo CID Personnel PS342 Johan Said, PC951 David Xerri and PC60 John Grima were effecting survailance at an outdoor party styled as Caliente which was being held at Mgarr ix-Xini Bay l/o Sannat, a female person which later resulted to be Zael Vella Holder of ID:10395G was noted being carried uphill by two male persons one of which turned out to be Kevin Vella Holder of ID:16594G. Zael Vella looked unconcious and her body was motionless and despite the fact that an ERCC Medical Team present onsite offered their medical assistance, Kevin Vella strongly refused said assistance and started carrying Zael Vella uphill in the dark. This*

[17] *a fol.* 16
[18] *a fol.* 45

*suspicious behaviour immediatelly caught the police attention who controled Kevin Vella's movements from a distance. From the parking area where the ambulances were parked, the police noted Kevin Vella carrying Zael Vella first up the main Mgarr ix-Xini Road into the dark and once into the dark, Kevin Vella lead Zael through a dark rural passage up to a rural road part of the rural area k/a Ta' Cenc. On seeing this, the police took a short cut along the steep rocky slope and once reaching said rural road, a male youth of thin body structure who was in the dark on the look out started running in the dark amongst the parked vehicles along said rural road, went past Kevin Vella who was loading Zael Vella in vehicle Reg.No.EBG375 which was parked on the right hand side of the road facing Mgarr ix-Xini Tower, and despite being chased by the Police he was at a good advantage, managed to board a dark coloured Isuzu Gemini and left the area at high speed. Due to the fact that the police were on foot said vehicle could not be chased. Whilst PC60 and PC951 were chasing the fugitive, PS342 stopped at monitoring distance from Veh.Reg.No. EBG375 and observed Kevin Vella and Zoel Vella who had the vehicle's interior lights switched on.*

*CID personnel PS342, PC951 and PC60 approached vehilce Reg.No.EBG375 and on noticing Zael Vella in a very bad state, asked her if she needed any medical assistance and on seeing this, Kevin Vella immediatelly refused any assistance moved back in a hurry on his driver's seat and whilst he was immediatelly informed by PS342 that same were police officers, PC60 and*

*PC951 rushed to the driver's door as Kevin Vella was noted getting a plastic bag out of his jeans bermuda's right pocket whilst trying to open the vehicle's driver's door most probably to try and throw said bag outside in the dark rural surroundings, which action was stopped by prompt police intervention. On seeing this Kevin Vella moved his right hand to the rear of the vehicle from where PC60 John Grima collected a small bag containing nine (9) small plastic/transparent material sachets which contained white powder suspected to be illegal substance and which plastic bag PC60 J.Grima noted dropping from Kevin Vella's hand. Said bag containing said sachets was immediatelly handed over to PC951 D.Xerri who was always in the presence of suspect Kevin Vella as instructed by PS342 J.Said until said bag and sachets were sealed at Victoria Police Station in the presence of Kevin Vella. Immediatelly upon said find, PS342 J.Said informed Kevin Vella and Zael Vella of their arrest and the reason thereof, with their basic legal rights to remain silent, to avail themselves of legal aid of their choice, to medical assistance if they so required and to think of someone to inform about their arrest. Duty Officer Insp.B.C.Spiteri was informed accordingly who from his end instruced that both persons were to remain under arrest, vehicle EBG375 was to be kept at the Police Garage under police custody pending further investigations and a search was to be effected at Vella's residence. PS342 J.Said sought the assistance of PC1542 C.Thornton who repaired onsite and conveyed vehicle Reg.No.EBG375 to Victoria Police Station with PC951, Kevin Vella and Zael Vella onboard. Immediatelly upon the arrival*

*infront of Victoria Police Station, PS342 and PC951 effected a search in said vehicle in the presence and with the full consent of Kevin Vella, from where a wallet which contained Kevin Vella's personal Maltese Identity Card and driving licence two hundred and twenty (220) euros (eight (8) twenty (20) euro notes, four (4) ten (10) euro notes and four (4) five (5) euro notes) were elevated by the police and sealed in the presence of Kevin Vella pending further investigations. Without being asked, Kevin Vella insisted with the police that although he had nothing to do with the sachets containing the powder, said money was his wage. It is strange that on being asked, Vella added that he did not know how much money he was carrying. Two hundred twenty gives a round number of eleven when divided by twenty suspected to be the value with which said sachets were being marketed. After the search was completed, upon instructions from PS342, the vehicle was locked in the presence of Kevin Vella and the key kept by PC951 who was always in the presence of Kevin Vella. Once inside the station, a search was carried out on the person of Zael Vella by WPC151 Carmen Parnis with negative results. Another search was carried out on the person of Kevin Vella also with negative results. The sachets, the currency, and two mobile phones one belonging to Kevin Vella and one to Zael Vella were all sealed seperatelly and in the presence of Kevin Vella and Zael Vella and again sealed in their presence in one envelope and left handover at Victoria Police Station for Insp.B.C.Spiteri.*

*Both Kevin Vella and Zael Vella, who are not relatives, were arrested at 00:24hrs on the 16/06/2013. Zael Vella's father, Noel Vella was informed about his daughter's arrest upon her request at around 02:00hrs after several attempts on mobile number 7985 4007. Kevin Vella's father John Vella was informed about his son's arrest at around 02:00hrs when upon Insp.B.C.Spiteri's instructions, Kevin Vella was escorted to his residence No. 106, Triq Santa Dminka Rabat Gozo where a search for illegal substances was carried out in the presence of John Vella and his son Kevin which search gave negative results. Both Kevin Vella and Zael Vella were escorted to Gozo lock up under the supervision of PC1542 and WPC151 pending further investigations after both refused any medical attention or other needs such as food which was offered to them.*

*Further investigations are being carried out by Insp.B.C.Spiteri.*

L-imputat **Kevin Vella** xehed fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2016 fejn spjega x'ghamel matul il-gurnata tal-15 ta' Gunju 2013 qabel mar il-party bit-tema Caliente fil-Bajja ta' Mgarr ix-Xini limiti ta' Sannat.

*Xhud:*

*Dan konna qegħdin il-party u naf li kien hemm Zael fejna għal bidu, imbagħad bdiet tixrob u marret iddur fejn sħabha din. Ħin minnhom ġiet fejna u bdiet tgħidilna li mhux tħossha sewwa.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Tiftakar bejn wieħed u ieħor għal x'ħin kienu?*

*Xhud:*

*Forsi kienu f'xi l-ħdax.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Ok. U bdiet tgħidlek li mhux tħossha sewwa.*

*Xhud:*

*U din intilfet minn sensiha. Ġew ħuha u sieħbu l-ħabib tiegħu.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Ħu Zael.*

*Xhud:*

*Ħu Zael u sieħbu l-ħabib tiegħu.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Ħu Zael min hu? X'jismu?*

*Xhud:*

*Aidan Vella jismu. U –*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Jiġifieri Zael kunjomha Vella wkoll, bħalek.*

*Xhud:*

*Ukoll iva. U aħna u ħerġin 'l barra din qisha intilfet minn sensiha. Ġew tal-ERRC fejna u bdew isaqsuna jekk għandniex bżonn xi għajnuna. Ħuha Aidan, hi bdiet jgħid trid tmur id-dar, trid tmur id-dar, m'għandha xejn, u ħuha kien hemm u qalli mela noħduha d-dar.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Sewwa. U inti x'fhimt li kellha fil-verità?*

*<u>Xhud:</u>*

*Jien sa fejn fhimt jien li bix-xorb hux. Tant kemm xorbot intilfet minn sensiha.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Issa dan ħuha x'inhu x-xogħol tiegħu?*

*<u>Xhud:</u>*

*Dan huwa membru fil-korp tal-pulizija u siebħu wkoll.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*It-tnejn li huma.*

*<u>Xhud:</u>*

*Iva t-tnejn li huma.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Allura mela meta kontu ħerġin minn dan il-party minn Imġarr ix-Xini, qed titilqgħu, min qiegħed allura jmexxiha lil Zael?*

*<u>Xhud:</u>*

*Jien u ħuha, u l-ieħor qed jgħina wkoll.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Però kif qegħdin tagħmlu jiġifieri?*

*<u>Xhud:</u>*

*Din żammejniha bejnietna għax peress li ma kinitx f'sensiha ma setgħetx timxi sewwa u erfajniha żammejniha bejnietna.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Jiġifieri mhux li tfajtuha fuq xi stretcher biex niftehmu.*

*<u>Xhud:</u>*

*Le le. Żammejniha bejnietna.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Ok. Ta' persuna li xorbot insomma.*

*Xhud:*

*Hekk hu.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*'Il fejn imxejtu? 'l fejn mortu?*

*Xhud:*

*Aħna ħriġna mill-entrance mnejn tidħol u kien hemm passaġġ li jagħti fejn kellna l-karozza ipparkjata, li mhux titla' t-telgħa, passaġġ fil-ġenb.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*U dan il-passaġġ jagħti għal fejn allura?*

*Xhud:*

*Jagħti fejn kellna l-karozza pparkjata. Jiġi fejn it-triq Ta' Ċenċ, fejn hemm il-Kantra.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Il-karozza tiegħek kienet qisha pparkjata tħares 'l isfel jew tħares 'l fuq?*

*Xhud:*

*Wiċċha 'l isfel kienet.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*U qiegħda –*

*Xhud:*

*Kienet tħares wiċċha 'l isfel man-naħa tal-ħajt.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Jiġifieri int u tiela' –*

*Xhud:*

*Jien ridt nimxi minn ġo qisu sqaq u mbagħad nasal għal fejn il-karozza.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Sewwa. Jiġifieri int u tiela', tħares lejn ta' Ċenċ, il-karozza qiegħda on the right hand side tat-triq.*

*Xhud:*

*Eżatt iva.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*U l-bieba tax-xuffier qiegħda fuq liema naħa?*

*Xhud:*

*Tiġi fuq ir-right ukoll li jiġi mal-ħajt, għax kien hemm il-ħajt hemmhekk.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Sewwa. Mela kienet qiegħda tħares wiċċha 'l isfel jew wiċċha 'l fuq allura?*

*Xhud:*

*Wiċċha 'l isfel jiġi. Wiċċha 'l isfel.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*U qiegħda mal-ħajt. Sewwa. X'għamiltu mbagħad?*

*Xhud:*

*Aħna –*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Jew x'ġara waqt li kontu telgħin din it-trejqa?*

*Xhud:*

*Waqt li konna telgħin naf li f'ħin minnhom għaddew jiġru l-pulizija minn maġenbna jgħajtu, "Pulizija, pulizija!", imma qabżuna lilna, ma kinux għalina, ħarbu jiġru wara ħaddieħor.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Rajtu lil dan ix-xi ħadd ieħor?*

*Xhud:*

*Rajt xi ħadd jiġri quddiemhom imma dak il-ħin ma tajtx kas u wasalna fejn il-karozza –*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Taf fejn mar dan ix-xi ħadd ieħor?*

*Xhud:*

*Dawn qabżu l-karozza tiegħi u baqgħu jiġru, hu kien hemm forsi erba' karozzi jew hekk, u daħal ġol-karozza u telaq. U l-pulizija baqgħu jiġru warajh.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*U allura hu meta qed jiġri 'l fuq, qiegħed jiġri minn liema parti tat-triq? Qed jiġri fejn hemm il-ħajt? Qed jiġri fin-nofs? Kif kien qed jiġri?*

*Xhud:*

*Fl-aħħar biċċa man-naħa tal-ħajt kien qed jiġri, x'ħin qabad fejn kien hemm il-karozza man-naħa tal-ħajt, bejn ħajt u karozzi.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*U fejn kienet il-vettura tiegħu għidtilna?*

*Xhud:*

*Sorry?*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Il-vettura tiegħu kienet ipparkjata iżjed 'il fuq.*

*Xhud:*

*Iżjed 'l fuq mill-karozza tiegħi kienet.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Iżjed 'l fuq mill-karozza tiegħek. U x'sar minnu dan ir-raġel?*

*Xhud:*

*Dan huma qalu li ħarbilhom, li rikeb ġol-karozza u ħarbilhom.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Inti però u ħut Zael, x'għamiltu? X'bqajtu tagħmlu?*

*Xhud:*

*Aħna lili għenuni indaħħal, daħħalna lil Zael fil-karozza –*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Kif daħħaltha?*

*Xhud:*

*Din peress li kienet fis-sakra ftaħt il-bieba tax-xuffier, qbadniha u erfajniha u daħħalniha fil-karozza.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Il-bieba tax-xuffier ftaħt jew il-bieba, ftakar daqxejn jekk ftaħtx il-bieba tax-xuffier jew tan-naħa l-oħra? Għax int għidt li l-bieba tax-xuffier kienet –*

*Xhud:*

*Hawn, tal-passiġġier, skużani, skużani tal-passiġġier.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Mela ftaħt il-bieba tal-passiġġier; ta' wara jew ta' quddiem?*

*Xhud:*

*Ta' quddiem.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Ta' quddiem. U –*

*Xhud:*

*Għax hemmhekk biex tirkeb hi fuq in-naħa ta' quddiem.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Sewwa. U mbagħad int x'għamilt?*

*Xhud:*

*Jien imbagħad għalaqna l-bieba. Kelli niftaħ il-bieba tan-naħa tal-passiġġier fuq wara peress li l-karozza kienet ipparkjata mal-ħajt. Dħalt minn dik in-naħa. Niżżilt is-seat u kelli naqbeż għal fuq is-seat tax-xufier peress li l-karozza kienet mal-ħajt, ma kienx hemm spazju biex jien nidħol fid-driver seat.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*U allura meta qed tgħid li niżżilt is-seat biex int tkun tista' tidħol minn dik in-naħa, liema seat niżżilt?*

*Xhud:*

*Is-seat tax-xuffier ta' quddiem. Kelli nniżżlu. Peress li jien kont fuq wara kelli naqbeż fuq in-naħa ta' quddiem –*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Għax kont diġà daħħalt lil Zael fuq in-naħa tal-passiġġier. Allura kienet diġà bilqiegħa.*

*Ix-xhud:*

*Kelli ngħaddi minn wara jiena.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Biex tagħmel dan il-moviment, li tniżżel is-seat tiegħek, jiġifieri tax-xuffier ħalli tkun tista' tidħol minn naħa tal-passiġġier fuq wara u taqbeż kif spjegajt, x'kien il-moviment li kellek tagħmel?*

*Xhud:*

*Jien kelli niġġebbed għal fejn ikun hemm il-lever tas-seat li jiġi mal-bieba tax-xuffier u nilwi l-lever 'l fuq u nimbotta s-seat lura.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*U timbotta s-seat b'lura. Sewwa. Dħalt allura, għamilt din il-manuvra u dħalt. Iċ-ċavetta, qabel ma' ftaħt il-bieb tal-passiġġier biex inti ddaħħlu lil Zael, iċ-ċavetta minn fejn kont ġibtha?*

*Xhud:*

*Iċ-ċavetta kont ġibtha minn ġol-but u peress li Zael ma kinitx qiegħda f'sensiha kelli nerġa' nagħmel iċ-ċavetta fil-but biex ngħinha tidħol 'l ġew.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Wara li daħlet Zael, it-tnejn l-oħra x'sar minnhom?*

*Xhud:*

*It-tnejn l-oħra reġgħu marru l-party fejn kien qed isir.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*U inti komplejt billi niżżilt is-seat u dħalt fil-karozza.*

*Xhud:*

*Eżatt.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Sewwa. Meta dħalt fil-karozza, x'ġara?*

*Xhud:*

*Dan f'ħin minnhom konna qegħdin hemm, ġie pulizija minnhom u qalilna għandkom bżonn xi għajnuna? Għidtlu le le kollox sew. U xħin mort ħalli ntella' s-seat beda jagħmilli, "titħarrkx, titħarrikx, pulizija!" Għidtlu, "titħarrikx, x'għamilt ħażin?!" U mort ħa nistartja l-karozza u qalli, "ħu, ieqaf ieqaf titharikx!" U ġew u qalgħu ċ-ċavetta minn ġol-ignition.*

L-Avukat Dottor Joseph Giglio:

*U allura ġew min ġew? Ġew l-istess pulizija li staqsiek jekk għandekx bżonn għajnuna?*

Xhud:

*Le ġie ieħor minn naħa l-oħra.*

L-Avukat Dottor Joseph Giglio:

*Ġie ieħor minn naħa l-oħra.*

Xhud:

*Iva.*

L-Avukat Dottor Joseph Giglio:

*U qala' ċ-ċavetta minn ġol-ignition.*

Xhud:

*Iva. Eżatt.*

L-Avukat Dottor Joseph Giglio:

*Inti fil-mument li ġew fuqek dawn il-pulizija u qallek tithariktx titharikx, allura eżattament x'kont qiegħed tagħmel?*

Xhud:

*Le, hu qalli, "int għandek bżonn xi ħaġa?" U jien għidtlu le le. U jien sa dan it-tant kont għadni bis-seat imniżżel. Xħin għidtlu le le, mort ħa ntella' s-seat biex intellgħu ħalli nistartja u nitlaq u hu beda jgħidli, "uh, uh, pulizija, titharikx titharikx!"*

L-Avukat Dottor Joseph Giglio:

*Biex issa ċ-ċavetta ddaħħalha fl-ignition, minn fejn ġibtha?*

Xhud:

*Kelli noħroġha mill-but iċ-ċavetta.*

L-Avukat Dottor Joseph Giglio:

*Mela int kellelk iċ-ċavetta fil-but meta wasaltu ħdejn il-karozza.*

*Xhud:*

*Eżatt.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Daħħaltu lil Zael fil-karozza.*

*Xhud:*

*Iva.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Qabel ma' daħħaltu lil Zael fil-karozza –*

*Xhud:*

*Daħħalt erġajt iċ-ċavetta fil-but.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Ħutha niżlu lura.*

*Xhud:*

*Iva.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Ftaħt il-bieba tal-passiġġier ta' wara.*

*Xhud:*

*Ta' wara, iva.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Ixxabbat biex taqbad il-,*

*Xhud:*

*Il-lever tas-seat, middejtu u qbiżt għan-naħa ta' quddiem.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*U qbiżt u dħalt. Allura meta inti dħalt int is-seat tiegħek qiegħed imniżżel.*

*Xhud:*

*Qiegħed imniżżel, eżatt kien għadu imniżżel.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Daħħalt idejk fil-but –*

*Xhud:*

*Biex inġib iċ-ċavetta, waħħaltha u xħin mort ħa ntella' s-seat beda jgħidli, "uh, uh, titħarrikx titħarrikx!"*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Sewwa. U mbagħad x'ġara?*

*Xhud:*

*Imbagħad dak il-ħin qala' ċ-ċavetta, fetħu l-bieba ta' wara u ħarġu dan il-pakkett. Lili bdew jgħiduli, "dan x'inhu, dan x'inhu?", u jien għidtilhom, "jien dak ma nafx x'inhu u li ma nafx minn fejn ġie. U li m'għandiex idea tiegħu."*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Irrimarkajtilhom xi ħaġa jew innutaw xi ħaġa l-pulizija dwar it-twieqi tal-karozza?*

*Xhud:*

*Iva. Kif xehed pulizija minnhom fi stqarrija minnhom qal li t-twieqi ta' wara ta' liema naħa fejn sabu dan il-pakkett kienu mniżżlin.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Kienu mniżżlin. Tiftakarha jekk kontx int li niżżilthom? Jekk kontx, għaliex kienu mniżżlin it-twieqi?*

*Xhud:*

*Din il-karozza lanqas m'hi tiegħi, din hi karozza tal-kumpanija tax-xogħol. Jużawha l-ħaddiema.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Liema tieqa? Naf li l-pulizija xehed u qalilna li kien hemm xi tieqa li kienet miftuħa.*

*Xhud:*

*Iva.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Fakkarni liema tieqa kienet miftuħa?*

*Xhud:*

*Tan-naħa ta' wara tan-naħa tax-xuffier.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Tan-naħa ta' wara tan-naħa tax-xuffier.*

*Xhud:*

*Jiġi man-naħa tal-ħajt ukoll.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Man-naħa tal-ħajt. Sewwa. U meta qed ngħidu li kienet miftuħa, għax forsi lanqas jien ma staqsejt lill-pulizija, kienet miftuħa kif?*

*Xhud:*

*Sa nofsha. It-tieqa mtella' sa nofsha.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*It-tieqa mtella' sa nofsha. Qalulek fuq dan il-pakkett, spjegajtilhom li dan il-pakkett mhux tiegħek. Sadanittant, kurżità, dik il-persuna li kienu jiġru warajh, x'kien sar minnu?*

*Xhud:*

*Dan sa xħin jien kont, dak il-ħin ħarbilhom hu.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*U allura minn hemmhekk f'dik it-triq fejn int kont ipparkjat bil-karozza tiegħek, fejn spiċċajt minn hemmhekk?*

*Xhud:*

*Lili ħaduni l-għassa tar-Rabat, lili.*[19]

**Il-missier u l-iben jindikaw lil Lorton Spiteri**

L-imputat **Kevin Vella[20]** xehed dwar persuna li jissuspetta li tefgħet id-droga li nstabet fil-vettura li kienet fil-pussess tiegħu dakinhar.

*Xhud:*

*Dan aħna kellna suspett f'dan li kien hemm jiġri għax jien dik ma kinitx tiegħi. Jien ngħid li l-pulizija għandhom żball f'dak il-muviment li qed jgħidu li rawni nagħmel. Għax jien dik mhux tiegħi; ma ħriġt xejn minn ġol-but u armejtu fuq wara kif qed jgħidu huma. Jien li ngħid li dak ir-raġel li huma marru jiġru warajh hu għadda minn dik in-naħa, kien hemm it-twieqi miftuħin u għandna suspett fih u li minn dak iż-żmien 'il hawn sirna nafu dak ir-raġel minn hu.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Issa tista' tispjega lill-Qorti kif sirt taf dan ir-raġel min hu?*

*Xhud:*

*Dan ir-raġel hu kien l-ewwel wieħed li avża lil ħuti li jiena spiċċajt l-għassa. Kont għadni mank wasalt l-għassa tar-Rabat. U xi xahrejn ilu ġie ċempel lili u ċempili biex nagħtih il-flus ta' dik id-droga ta' dakinhar.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Mela, dan ir-raġel li kellek suspett fih, min skoprejt li kien?*

[19] *A fol.* 240 *et seq.*
[20] Seduta 13 ta' Settembru 2016

*<u>Xhud:</u>*

*Dan huwa wieħed Lorton Spiteri minn ta' Sannat.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Kif tafu lil dan Lorton Spiteri?*

*<u>Xhud:</u>*

*Dan qabel kien ħabib tiegħi. Kellu ż-żwiemel u kien jiġi fejni fejn iż-żwiemel. Minn dakinhar 'l hawn ma konniex bqajna ħbieb jew hekk u kif għidtlek qisu xahrejn ilu, qisu f'Lulju, dan –*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*U x'jagħmel f'ħajtu dan Lorton Spiteri?*

*<u>Xhud:</u>*

*Naħseb li jaħdem xi ħaġa fl-għamara, ma nafx sew x'jagħmel.*

*<u>Il-Qorti:</u>*

*Xħin xahrejn ilu ġara dan li ġara inti lil min infurmajt?*

*<u>Xhud:</u>*

*Aħna infurmajna lill-avukat mill-ewwel u l-avukat bagħat ittra.*

*<u>Il-Qorti:</u>*

*Lill-pulizija infurmajthom mill-ewwel?*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Iva. Għamiltha jiena.*

*<u>Il-Qorti:</u>*

*Aktar.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Għamiltha jiena u tlabtu jagħmlu l-indaġini. Issa ħa nġib il-prova fuqha. Fil-fatt, però għad-domanda li qed issaqsik il-Qorti, apparti li infurmajna lill-pulizija b'dan l-inċident li ġara xahrejn ilu,*

*tiftakar jekk anke dak iż-żmien kontux ukoll mortu għand il-pulizija fuq is-suspett li intom kellkom?*

<u>*Xhud:*</u>

*Iva meta aħna kellna dan is-suspett u missieri kien infurma lill-pulizija b'dan il-persuna imma sa fejn naf jien ma kien ġara xejn. Ma ħadux xi passi jew hekk. U kien tahom ismu u kollox fuqu.*

<u>*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*</u>

*F'din it-telefonata li saritlek tista' tispjega lill-Qorti ċ-ċirkostanzi dwarha?*

<u>*Xhud:*</u>

*Hu lili ċempili jew prova biex jheddidni jew ibeżżagħni. Kien qalli kif se nagħmlu minħabba l-flus ta' dik. Issa jien lilu qatt ma kelli nagħtih xi flus jew hekk u peress li hu kien is-suspett tagħna jien moħħi mill-ewwel mar fuq hekk. Jien kont għidtlu, "tini ċans, qiegħed xogħol issa inkellmek."*

<u>*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*</u>

*Għalfejn għidtlu hekk?*

<u>*Xhud:*</u>

*Dak il-ħin infxilt hux. Ridt ninforma lin-nies. Dawn mhux affarijiet hemm każ għaddej u se nitkellem jien. Infurmajt lil missieri u filgħaxija kien reġa' beda jċempel u kien kellmu missieri mbagħad filgħaxija u wara ċempilna lill-avukat mill-ewwel fuqha.*

<u>*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*</u>

*Il-mobile tiegħek taf minn fejn ġabu?*

<u>*Xhud:*</u>

*Il-mobile –*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Sorry sorry, ha nagħmel domanda. Ċempillek fuq liema numru?*

*Xhud:*

*Il-mobile tiegħi 79366481.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Ċempillek fuq liema numru l-ewwel darba? Fuq liema numru l-ewwel darba li ċempillek?*

*Xhud:*

*L-ewwel ċempilli minn mobile hu, imbagħad jien ibblokkjajtu u beda jċempel minn fuq landline tad-dar.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Sewwa. U mblokkajtu allura minn fuq in-numru tal-mobile tiegħek.*

*Xhud:*

*Iva.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*X'inhu n-numru tal-mobile tiegħek?*

*Xhud:*

*Tiegħi?*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Tiegħek.*

*Xhud:*

*79366481.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Issa kurżità, dan Lorton –*

*Il-Qorti:*

*Il-landline li semmejt, la ċempel landline, għandek in-numru? Kont taf x'inhu?*

*Xhud:*

*Iva iva għandi n-numru.*

*Il-Qorti:*

*U n-numru indikajtuh lill-pulizija?*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*It-tnejn li huma indikajna lill-pulizija. Indikajtlek tal-mobile. Però ġibtu miegħi. Kien nuqqas tiegħi. Mela sewwa, ibblokkajtu u bdejt tinjurah.*

*Xhud:*

*Iva.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Ħin minnhom ċempel minn fuq numru ieħor.*

*Xhud:*

*Minn fuq landline.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Għaraftu dak il-ħin in-numru?*

*Xhud:*

*Dak il-ħin le ma għarftux u kif qbadtu, dan kien l-għada erġajt, għidtlu qiegħed xogħol, għidtlu mbagħad inkellmek. Infurmajt lill-missieri u qalli, "ħallih issa ħa jerġa' jċempel u kif iċempel għaddi t-telefonata lili." U jien xħin ċempel tajtu l-mobile lil missieri u kellmu hu minn fuq il-mobile tiegħi.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Tiftakarha l-konverżazzjoni jew almenu lil missierek stajt tisma' inti.*

*Xhud:*

*Hekk hu. Jien naf li beda jgħajjru u jgħidlu li dan mhux raġel, u li dawn mhux affarijiet li jagħmel, u li nefqu ħafna flus, u naf li kien hemm xi għajjat u hekk imma sewwa sewwa x'qalu ma nafx jiena.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Sewwa wisq. Hemm xi ħaġa oħra li xtaqt iżżid?*

*Xhud:*

*Jien nixtieq ngħid li l-karozza ma kinitx tiegħi imma kienet tal-kumpanija, jużaha kulħadd, u li l-muviment li qed jgħidu li rawni nagħmel huma għandhom żball fil-muviment. Dik ma kinitx tiegħi żgur.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*M'għandiex iżjed domandi.*

*Kontro eżami:*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Fir-rigward ta' dan Lorton Spiteri, int dan għaraftu minn lehnu? Kif għaraftu?*

*Xhud:*

*Le hu qalli li hu. Għax jien għidtlu min int? U hu qalli Lorton.*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Qalek Lorton.*

*Xhud:*

*Iva.*

*<u>L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:</u>*

*U abbinajtu miegħu.*

*<u>Xhud:</u>*

*X'inhu?*

*<u>L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:</u>*

*Jiġifieri ċert li huwa hu.*

*<u>Xhud:</u>*

*Iva iva. Mija fil-mija.*

*<u>L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:</u>*

*U x'qallek eżattament? Qallek biex tagħtih il-flus –*

*<u>Xhud:</u>*

*Qalli, "kif se nagħmlu minhabba l-flus ta' dik?" u jien peress li hu kien l-uniku suspett li għandna fuqu, u jien qatt ma kelli nagħtih lil dan, mill-ewwel ġieni f'moħħi li qed jgħid għal dak, ta' dakinhar.*

*<u>L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:</u>*

*Jiġifieri l-ewwel nett intom xogħolijiet jew hekk intom qatt għamiltu miegħu jew?*

*<u>Xhud:</u>*

*Le le.*

*<u>L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:</u>*

*U ta' dik imma hu speċifikaha x'inhi dik, x'ried jgħid biha? Jew int assumejt li hija din il-kwistjoni tad-droga?*

*<u>Xhud:</u>*

*Jien assumejt imma dan kulħadd jaf x'inhu u x'jagħmel, u ma' x'hiex għandu x'jaqasam, għax dan kien is-suspett. Kont għadni*

*lanqas wasalt l-għassa tar-Rabat u hu kien diġà informa lill-ħuti x'ġara u x'ma ġarax.*

*Il-Qorti:*

*Ta' dakinhar meta –*

*Xhud:*

*Dakinhar ta' Imġarr ix-Xini.*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Mela int qed tgħid, ara iniex nifhmek sew, int qed tgħid li hu dakinhar informa lil ħutek qabel ma l-pulizija infurmaw lil xi ħadd tal-familja tiegħek li int kont arrestat?*

*Xhud:*

*Kif?*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Ara, meta int tiġi arrestat il-pulizija jsaqsuk jekk tridtx tinforma lil xi ħadd minn tal-familja li qiegħed miżmum għand il-pulizija.*

*Xhud:*

*Iva.*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Jiġifieri int qed tgħid li dan Lorton dakinhar ċempel lil ħutek qabel ma kien il-pulizija infurmaw lil xi ħadd tal-familja tiegħek li int kont qed tiġi miżmum?*

*Xhud:*

*Iva, imma aħna infurmajna lil xi ħadd tal-familja kienu għaddew diġà sagħtejn. Xħin morna d-dar bil-karozza.*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Jiġifieri qabel dawn –*

<u>*Xhud:*</u>

*Iva qabel dan ħuti, jiġifieri ommi u missieri ma kienu għadhom jafu xejn, imma ħuti u l-għarus ta' ohti kienu diġà jafu għax ċemplilhom dan, u dan hu kien mija fil-mija li telaq jiġri. Biex kien diġà jaf.*

<u>*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*</u>

*Imma din li telaq jiġri inti ċert li hu hu dan?*

<u>*Xhud:*</u>

*Biex dan Alla jbierek kien għadni lanqas wasalt l-għassa tar-Rabat u jaf x'ġara.*

<u>*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*</u>

*Qed tissuspetta hemmhekk.*

<u>*Xhud:*</u>

*U l-karozza li semmejtu għandha x'taqsam mal-karozza li kellu hu wkoll.*

<u>*Il-Qorti:*</u>

*Imma Għawdex jiġru affarijiet li tkun taf.*

<u>*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*</u>

*Fir-rigward tal-karozza, inti dakinhar il-pulizija ħarbu jiġru wara karozza u din il-karozza ħarbet. Inti din rajtha taħrab din il-karozza?*

<u>*Xhud:*</u>

*Rajtha l-karozza sejra u l-pulizija jiġru warajha.*

<u>*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*</u>

*Sewwa. Int indunajt x'vettura hi, x'għamla hi, x'make hi?*

<u>*Xhud:*</u>

*Le ma ndunajtx.*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Hux Toyota jew Pegeout?*

*Xhud:*

*Ma tajtx kas dak il-ħin għax peress –*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Jew il-kulur? Jew peress li kien id-dlam –*

*Xhud:*

*Ma tajtx kas jien x'kulur u hekk.*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Issa int għidtilna li dan il-persuna ħarab jiġri u l-pulizija marret tiġri warajh. U għidtilna wkoll li f'ħin minnhom daħal bejn il-vettura u l-ħajt, qed nifhmek sew?*

*Xhud:*

*Iva.*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Meta daħal bejn il-vettura u l-ħajt fejn kien? Il-karozza tiegħek fejn kienet dak il-hin? Qabel? Wara?*

*Xhud:*

*Tiegħi l-karozza tiegħi kienet qabel tiegħu. Il-karozza tiegħu kien ipparkjata wara tiegħi, karozza 'l fuq wara tiegħi.*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Jiġifieri meta mar jiġri wara l-ħajt il-karozza tiegħek fejn kienet?*

*Xhud:*

*Kienet ipparkjata –*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Iva iva pparkjata imma qabiżha? Kienet għadha ġejja?*

*Xhud:*

*Le hu kien diġà qed jiġri minn bejn il-ħajt u l-karozzi u kien għadu ma wasalx fejn il-karozza tiegħi. Għadda minn ma' ġenbha biex niftehmu.*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Jiġifieri qed tgħid li għadda minn maġenbha.*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Imma int meta rajtu jiġri int rajtu jagħmel xi muviment? Kien qed ixejjer idejh jew hekk, xi ħaġa?*

*Xhud:*

*Dak il-ħin ma rajtu, jien lanqas kont qiegħed bejn il-ħajt u l-karozza li qed nara bi dritt. Jien fit-triq kont.*[21]

Missier l-imputat, **Giovann Vella**[22] xehed fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2016 wara li aktar qabel xehed ibnu l-imputat Kevin Vella fejn implikaw lil Lorton Spiteri fil-kaz.

*Xhud*

*Imbagħad wara aħna tħadditna tal-familja u dan kif sar jaf dak il-ħin u x'jgħidulu, u dan huwa magħruf jiġifieri, hawnhekk Għawdex żgħir, u kulħadd jaf li dan huwa ... tad-droga u dawn l-affarijiet, u aħna one plus one issuspettajna fih. Jien mort inkellmu, jiġifieri ċempiltlu, u mort inkellmu l-ġaraxx tiegħu stess. U għidtlu dan x'taħwid hu? Għidtlu x'ġara u x'ma ġarax u*

[21] *A fol.* 240 *et seq.*
[22] *A fol.* 260 *et seq.*

*qalli mhux veru jien ma kellix x'naqsam u innega u ġew tnejn oħra. Ma nafx min huma u insomma, biex bħal speċi jintimidawni.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Int fejn mort tiltaqa' miegħu dan Lorton?*

*<u>Xhud:</u>*

*Il-ġaraxx tiegħu stess, il-ġaraxx ta' dan ta' Lorton stess.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*U x'ġaraxx hu dan? Fejn qiegħed?*

*<u>Xhud:</u>*

*Garaxx ta' Sannat qiegħed. Imbagħad jien –*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Dan jaħdem?*

*<u>Xhud:</u>*

*Kif?*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Jaħdem?*

*<u>Xhud:</u>*

*Dan kien jaħdem xufier ma', illum lest, ma' missier, ma' ta' Gianmaria, kien missier il-mara tiegħu. Illum lanqas għadha miegħu fuq din id-droga għax ma jridx jisma' dan.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*X'inhu?*

*<u>Xhud:</u>*

*M'għadhiex miegħu jiġifieri llum isseparaw.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Min m'għadhiex miegħu?*

*<u>Xhud:</u>*

*Il-mara ta' Lorton.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Isseparaw.*

*<u>Xhud:</u>*

*Fuq id-droga wkoll kellhom xi jgħidu jiġifieri għax dan huwa,*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*U mort tiffaċċjaw lil dan Lorton.*

*<u>Xhud:</u>*

*Mort niffaċjah jien hux għax għalija xi ħaġa u dan beda jgħidli speċi dawn affarijiet normali, toħodhiex bi kbira, u għidtlu ma noħodiex bi kbira, għidtlu ma noħodhiex bi kbira x'jiġifieri! Imbagħad billi huwa ċaħad u x'jgħidulu għidt mela nirrapporta lill-pulizija hu. U mort ngħid lill-pulizija hux. X'ħin mort ngħid lill-pulizija dawn daru fuqi, kiluni, riedu bilfors jarrestawni li qiegħed nagħmel rapport falz, u jien beżżgħuni hux u mbagħad jien ġejt għand l-avukat, ġejt għandek imbagħad. Issa bħal speċi jien ma kellix provi li żgur tiegħu u x'jgħidulu u dan, mhux la kemm, issa ċempillu dan Lorton –*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Issa maż-żmien, qabel ma ċempillu dan l-aħħar, skoprejt xi dettal ieħor rigward persuna li kien qiegħed jiġri f'dik it-trejqa?*

*<u>Xhud:</u>*

*Jien imbagħad għamilt ftit find out u x'jgħidulu, għax it-tifel tiegħi kien hemm fin-nofs hux, hu spiċċa l-vittma, u hu kien hemm u qaluli li kien fuq il-post u kien b'din il-karozza li qalu li kien qed jiġri warajha l-pulizija, -*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*U x'karozza skoprejt li hi?*

*Xhud:*

*Il-karozza huma qaluli li raw karozza skura u hu kien dakinhar b'karozza BMW sewda.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Tiftakar jekk kienx BMW jew xi ħaġa oħra?*

*Xhud:*

*U kellu Isuzu wkoll blu fl-iswed.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Issa, meta int skoprejt li għandu dan l-Isuzu blu fl-iswed u skopret li din l-Isuzu blu fl-iswed huwa ta' dan Lorton, erġajt fil-fatt avviċinajt lill-pulizija biex tgħidilhom?*

*Xhud:*

*Dażgur dażgur. Dan hawnhekk Għawdex żgħir, Għawdex m'aħniex qegħdin l-Amerika. Għawdex kullħadd jaf. U sħabu u ħutu, dak kulħadd jaf x'ġara.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Issa meta erġajt avviċinajt lill-pulizija t-tieni darba allura biex tgħidilhom, l-ewwel nett kif skoprejtha din tal-Isuzu Gemini? Minn fejn skoprejt li l-pulizija kienu jiġru wara karozza Isuzu Gemini?*

*Xhud:*

*Għax xehed il-pulizija stess u jien kont hemmhekk u kont qed nisimgħu jiena. U hu qalli wkoll il-pulizija xħin mort inkellmu l-ewwel darba. U jien imbagħad iddejjaqt nerġa' mmur fejn il-pulizija u kien hemm wieħed jaħdem miegħi, ċertu Paul Axiaq, u*

*Paul Axiaq qalli jien lil dak nafu, joqgħod fejn tagħna, ħa mmur inkellmu jiena.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Għal min Paul Axiaq qed jgħidlek li jafu?*

*Xhud:*

*Għal pulizija.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Għand min int kont tirrapporta oriġinarjament.*

*Xhud:*

*Iva, iva. Imbagħad mar ikellmu lil dan John Grima. John Grima dan il-pulziija, kienu John Grima u David Xerri, għamlulu rapport li qiegħed x'jgħidulu u spiċċa arrestat xi jumejn. Għamlulu rapport illi qiegħed iħawwad fil-provi, ma nafx x'inhu. U jien imbagħad daqshekk hux, imbagħad ċedejt hu, għax iċeduk, fis-sens li dawn se –*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Allura issa x'kien it-tielet żvilupp li waslek biex terġa' –*

*Xhud:*

*Issa ġara li dan l-aħħar ċempel dan Lorton lil Kevin u talbu l-flus ta' din id-droga li tefa' fil- –*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Issa, tgħaġġilx. Mela, issa trid tgħidilna dak li taf inti u kif sirt tafu u mingħand min orrajt. Pass pass.*

*Il-Qorti:*

*Mhux x'qalek Kevin, x'taf int.*

*Xhud:*

*Imbagħad Kevin qalli li qed iċempillu u dak u jien għidtlu x'ħin iċempillek tini t-telephone. U ċempillu u tani t-telephone u rrispondejtu jien u jien għaraftu u hu għarafni wkoll.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Għaliex qed tasal għal din il-konklużjoni?*

*Xhud:*

*Naħseb għal din il-konklużjoni għax meta kellimtu jiena ma qallix xi jrid, jien għidtlu xi trid, u hu qalli rrid inkellem lil Kevin hu. U jien għaraftu, għidtlu iva Lorton, għidtlu kif int qed iċċempillu għal flus tad-droga? Għidtlu mela tiegħek kienet Lorton. Imbagħad għajjartu jiena. Minn kollox għidtlu. Għidtlu ġejt gdibtli, ġejt ġo ħwejjġi, għidtlu żibel u minn kollox għidtlu. Imbagħad qalli le mhux tiegħi kienet, ta' xi ħadd ieħor. Għidtlu jiena għalija sakemm ma tgħidlix ta' min kienet tiegħek kienet. Għidtlu ta' xi ħadd ieħor ta' min kienet Lorton? Qalli ngħidlek imma mhux fuq it-telephone. Għidtlu mela sakemm tgħidli għidtlu għalija tiegħek kienet. Għidtlu għax inti ċemplitlu. Għidtlu u x'wiċċ għandek. Iċċempillu, dan ċempillu biex ibeżżgħu hux, għidtlu x'wiċċ għandek! Però jien niftakar ukoll li ftit qabel dan il-pulizija David Xerri ċempilli u qalli hemmhekk kif bqajtu? Għidtlu hemmhekk kollox sewwa jiena. Qalli hemmhekk kollox sewwa hux, qalli ħlistu. Għidtlu iva jiena. U komplejt miegħu. U kif nista' nifhem hu ħaseb li din l-affari spiċċat u ċempillu għal flus.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Imma dik hija deduzzjoni li qed tagħmel issa. Minn meta t-tifel għaddielek it-telephone u qallek li qed jerġa' jċempilli, int għamilt xi ħaġa?*

*Xhud:*

*Jien ħadt in-numru tat-telephone u –*

*Il-Qorti:*

*In-numru tat-telephone ta' xħin ċempel lilek.*

*Xhud:*

*Jien ċempel lili –*

*Il-Qorti:*

*Ta' x'ħin qbadtu int.*

*Xhud:*

*Iva, kien landline li ċempel lili.*

*Il-Qorti:*

*Kien landline?*

*Xhud:*

*Landline kien.*

*Il-Qorti:*

*Jiġifieri n-numru tajtu lill-avukat.*

*Xhud:*

*Iva.*

*Il-Qorti:*

*Però allura n-numru tal-mobile qed nistaqsi jien, minn fejn irriżulta?*

*<u>Xhud:</u>*

*Dak ċempel lilu bin-numru tal-mobile għax hu kien iċempel lil dan bin-numru tal-mobile ċempillu.*

*<u>Il-Qorti:</u>*

*Jiġifieri hu Kevin urih lilek il-mobile meta ċempel dan u kien fuq il-mobile.*

*<u>Xhud:</u>*

*Iva, iva, ktibnieh ma' xulxin.*

*<u>Il-Qorti:</u>*

*Imbagħad għaddielek it-telefonata meta kienet darba oħra fuq il-landline.*

*<u>Xhud:</u>*

*Kienet fuq il-landline, iva.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Tiftakar x'kien in-numru?*

*<u>Xhud:</u>*

*Ma niftakarx eżatt imma fuq id-diary għandi miktub in-number jiġifieri, għax ktibtu fuq id-diary dakinhar stess, u tajtulek jiġifieri għax imbagħad ċempiltlek u għidtlek irrid narak urġenti.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Xejn imbagħad tikkonferma li konna ktibna lill-Ispettur Bernard Spiteri?*

*<u>Xhud:</u>*

*Konna ktibna lill-Ispettur Spiteri.*

*<u>L-Avukat Dottor Joseph Giglio:</u>*

*Issa fl-ittra tiegħi kont niżżilt il-mobile jiena. X'kienet ir-raġuni għalfejn jien kont niżżilt il-mobile biss jiena?*

*Xhud:*

*Ma nafx, naħseb bi żball hux, staqsejtni għal mobile tiegħu u l-landline ma tajnihulekx.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Però l-landline niżżiltu fuq id-diary u issa tajtuli.*

*Xhud:*

*Iva iva issa tajtulhek il-bierah.*

*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*

*Il-bierah.*

*Xhud:*

*Iva.*

*Kontro eżami:*

*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*

*Jiġifieri meta ċempel fuq il-mobile ta' Kevin, il-mobile number ġie jidher. Ma ġiex number private.*

*Xhud:*

*Le ġie jidher. U mhux darba jiġifieri ċempillu.*[23]

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-AKKUZI**

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun*

[23] *A fol.* 260 *et seq.*

*sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**:

*"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".*

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

*" … l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li <u>normalment</u> wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magaistrat Dr. Lawrence Quintano, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Stephen Abela</u>**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-prezenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat.

Dwar l-elementi tar-reat in kwistjoni l-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Jason Mallia</u>**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999), fejn inghad hekk:

*"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata,*

*mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha."*

Huwa car ghalhekk illi l-ligi taghna ma tirrikjedix l-*animus* fl-imputat li jispacca d-droga lil terzi, sabiex tinstab htija ta' pussess bl-aggravanti, izda huwa sufficjenti illi jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi l-pussess tad-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

**Ix-xhieda ta' Zael Vella**

Illi din il-Qorti kellha l-opporunita' li tanalizza l-komportament tax-xhud Zael Vella, tara t-titwig li harget bih biex ixxejjen dak mistqarr minnha fl-istqarrijiet lill-pulizija, liema stqarrijiet b'certu aggustament minn dak mistqarr originarjament kienu guramentati quddiem il-Magistrat Inkwirenti. M'ghandha ebda dubju din il-Qorti, illi bhal kull Magistrat Inkwirenti nvolut fit-tehid tal-

istqarrijiet guramentati, uza kull kawtela lilu moghtija mill-Ligi fit-tehid tal-istess stqarrijiet. Illi l-funzjoni tal-Magistrat hawn hija wkoll li jassigura li ebda xhud ma jigi suggett ghal ebda pressjoni mill-Ufficjal Investigattiv, u kull persuna mressqa quddiem Magistrat tgawdi din il-protezzjoni jew tista' titlobha. Il-Qorti tiskanta kif isiru dikjarazzjonijiet mid-difiza bhal dik li saret "***omissis*** *tirrileva li qabel Zeal Vella giet moghtija l-gurament fis-seduta tal-lum hija qalet illi minkejja li giet mehuda lilha dikjarazzjoni bil-gurament mill-Magistrat tal-Ghassa hija ma haditx il-guramanet fuq kollox.*"[24] kemm meta xehdet ix-xhud quddiem din il-Qorti diversament preseduta kif ukoll issir referenza ghal dan il-verbal fin-nota tas-sottomissjonijiet tad-difiza.

Meta tiġi hekk prodotta l-imsemmija Zael Vella, il-valur probattiv tax-xhieda mogħtija preċedentement minnha hi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**[25] mogħtija fis-26 ta' Mejju 2003 mill-Qorti tal-Appell fis-sede inferjuri:

> "L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 66114 ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija

[24] Seduta tal-11 ta' Dicembru 2013
[25] Per Imhallef Vicent DeGaetano

ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. **S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzjoni li l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud.** (Enfazi tal-Qorti)

Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski vs Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu:

> ***"'does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper***

***opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.'*[26]"**

Fil-kaz Il-**Pulizja vs Malcolm Paul Bugeja** deciz fit-30 ta' Gunju, 2016, l-Imhallef Edwina Grima spjegat li:

*Illi skond is-sentenza ta' Pierre Gravina, id-dikjarazzjoni guramentata ta' xhud quddiem il-Magistrat Inkwirenti ma jkollha l-ebda validita' jekk ma tinghatax opportunita' tal-kontro ezami lill-imputat jew akkuzat. Issa x'inhuwa l-iskop tal-kontro-ezami? L-iskop tal-kontro ezami huwa biex dik il-verzjoni li jkun ta' xhud tista' tigi kontradetta, challenged u sahansitra tigi reza inattendibbli minhabba l-karattru jew il-komportament tax-xhud jew inkella d-diversi posizzjonijiet li jiehu. Ikrah kemm hu ikrah ir-reat tat-traffikar tad-droga, pero' hemm principju iktar bil-wisq importanti illi hija dik illi ssir gustizzja u li dejjem issir il-gustizzja minkejja d-diffikultajiet kollha li jkollha. Jekk il-kontro ezami ma jservi ghal xejn specjalment quddiem Imhallef jew quddiem il-Magistrat togat allura hija biss cerimonja u xejn aktar*[27]*.*

Zael Vella ghamlet stqarrija fis-16 ta' Gunju 2013 fil-11.50 hrs fl-Ghassa tal-Pulizija r-Rabat, Ghawdex, u stqarrija ohra fis-16 ta'

[26] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.
[27] Appell Nru: 258/2014

Gunju 2013 fis-18:10 hrs fejn ikkonfermat l-ewwel stqarrija u wiegbet ghal aktar domandi marbuta ma' sms li kellha fuq il-mobile taghha elevat mill-pulizija. Fl-*istatements* issemmi lill-imputat Kevin Vella u lil certu Christ "il-barri". FL-ewwel *statement* issemmi persuni ohra barra dawn it-tnejn fejn tghid li lil Kevin gieli ratu jaghti borza zghira bil-cocaine lil "Mark iz-Zuzu, Christ il-Barri, Samuel Sillato u George Attard. Lil dawn tal-ahhar ihobb jaghtihom b'xejn."

Fis-17 ta' Gunju 2013 l-Ispettur Bernard Charles Spiteri jitlob lill-Qorti biex tiftah bl-urgenza biex ikunu guramentati l-istqarrijiet ta' Zael Vella u titressaq il-Qorti.

Il-Magistrat Josette Demicoli tiehu l-istqarrija ta' Zael Vella bil-gurament dakinhar fl-4:00 pm fejn Zael Vella kienet spjegat u rtirat partijiet mill-istqarrija.

Wara Zael Vella tressqet il-Qorti bil-pussess ta' droga Kokaina, Cannabis u Ecstacy. Ammettiet l-akkuzi.

Il-pulizija ddikjaraw li **"l-imputata kkoperat bi shih mal-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet u fid-dawl tal-istqarrijiet bil-gurament li hija tat hija ghandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta".**

Dakinhar stess it-Tnejn 17 ta' Gunju 2013 il-Magistrat Josette Demicoli tat is-sentenza fejn a bazi ta' Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-

Ligijiet ta' Malta illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Illi ghalhekk din il-Qorti, hija konvinta li l-verita' fil-fatt intqalet minnha a tempo vergine fl-istqarrijiet lill-pulizija kkonfermati quddiem il-Magistrat Inkwirenti, u quddiem din il-Qorti diversament ippreseduta ppruvat tbengel il-verzjoni gia' minnha moghtija. Id-dettalji li nghataw fl-istqarrijiet ma jinghatawx minn persuna mhix f'sikkitha, liema stqarrijiet ittiehdu wara li x-xhud kien ghaddielha l-*hangover* li kellha, ghaxar sighat wara l-arrest taghha.

**Konkluzjoni**

1. Ix-xhud Zael Vella semmiet li kienet tara lil Kevin Vella taht l-effett tal-kokajina u li kkonfermat anke wkoll fl-istqarrija guramenta, li fiha kienet indikat li Vella kien ghamel xi zmien jittraffika droga. Hemm ukoll xhieda tal-istess Zael Vella fejn fihom indikat li Vella gieli ghaddielha xi pilloli tal-ecstasy u anke xi joints tal-kannabis. Ta' dan Zael Vella xehdet li hija qatt ma' hallset lil Kevin Vella.
2. Ix-xhud Zael Vella gawdiet minn dak li jipprovdi Artikolu 29 tal-Kap 101 meta l-kaz taghha nstema' quddiem il-Qorti wara li kienet igguramentat l-istqarrijiet taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

3. Il-Qorti mhix temmen il-verzjoni li ta' Kevin Vella dwar kif spiccat il-borza bil-pakketti tal-kokaina fil-vettura li kien qieghed juza dak il-lejl u dan wara li din il-Qorti kellha c-cans tisma' lill-imputat jixhed u *hadet "qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- kaz".* Dan ghaliex hemm wisq kumbinazzjonijiet f'dak li qieghed jghid l-imputat biex jitwemmen li min deher jahrab minn fuq il-post ghax induna bil-prezenza tal-pulizija rema' din il-borza li giet fil-vettura ta' Vella, meta anke mix-xhieda hareg li kien difficli li wiehed jghaddi b'certu heffa bejn din il-vettura u l-hajt, bhalma kien il-kaz ta' dak il-persuna li deher jahrab meta nduna bil-prezenza tal-pulizija u li ghadda minn magenb il-vettura ta' Vella bil-giri meta kien qieghed jahrab.
4. Il-verzjoni tal-pulizija li kienu fuq il-post meta nstabet id-droga PS 342 Johan Said, PC 951 David Xerri u PC 60 John Grima qeghda titwemmen minn din il-Qorti u dan anke wara li fliet ix-xhieda taghhom fuq dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[28] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda: *Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.* L-okkorenza li hejja PS 342 Johan Said fis-16 ta' Gunju 2013 f'01:22 u li kkonferma quddiem din il-Qorti kif

[28] Appell Kriminali Numru. 115/2006

diversament preseduta, inkitbet mhux aktar tard minn siegha u nofs meta sehh il-kaz u ghalhekk is-Surgent kien ferm aktar preciz fid-dokument li hejja.

5. Id-disa′ pakketti li nstabu fil-pussess tal-imputat ma jistghux jitqiesu li kienu ghall-uzu personali tieghu waqt il-party li kien qieghed jattendi jew inkella kien kaz biex jaqsam ma′ shabu dak li hu maghruf bhala *sharing*.

Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi, kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, din il-Qorti tista′ legalment u ragjonevolment tasal biex tikkonkludi li l-imputat hu hati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet dwar piena**

Illi din il-Qorti tqis li r-reat odjern li tieghu din il-Qorti qed issibu hati, **<u>huwa wiehed serju hafna u li qed jirrovina s-socjeta′ Maltija</u>**. Illi mhux sewwa li biex wiehed jiehu gost f′lok ta′ rikreazzjoni jsib lil min jipprovdilu d-droga. F′dan il-kaz odjern jirrizulta li sehh f′*party* immirat specifikament ghaz-zghazagh.

Il-flaġell tad-droga qed ikompli jinxtered f′forom u f′dimensjonijiet li jimpressjonawk; hu sostnut minn suq moqżież li ma jafx bi fruntieri nazzjonali u kontinentali. U b′hekk qed ikompli jikber il-periklu għaż-żgħażagħ u għall-adolexxenti.

Id-droga hi xi ħaġa ħażina, u fejn hemm dak li hu ħażin la tista' ċċedi u lanqas tagħmel kompromessi.

*Id-droga hija ġerħa serja f'Għawdex tagħna! Diversi qaluli li hawn xibka mifruxa sewwa u fiha qegħdin jinqabdu mhux biss żgħażagħ imma anki tfal taħt l-età.*

*[...]*

*Kull post fejn titqassam id-droga għandu joħolqilna tħassib; imma hija tassew umiljanti u fl-istess waqt djabolika li min għandu interess li jinnegozja d-droga qed jinqeda bil-festi patronali tagħna. Waqt li aħna qegħdin għall-kenn hawn ġewwa, jista' jkun li d-dragun qed iħejji biex b'denbu jolqot u jħassar lil dawk li jkunu fil-marċijiet. Hawn min jinnota li llum naqas il-konsum tal-alkoħol fil-festi – kieku din ħaġa tajba! – imma jekk inhu hekk, kif naraw tant persuni mdamdmin wara l-marċijiet? Kif nispjegaw li sar hemm inqas konsum ta' alkoħol u żied sewwa l-bejgħ tal-ilma? Huwa minnu li fil-festi l-prezz tal-qratas tal-kokaina jesplodi biex hekk mhux biss jixorbulhom moħħhom imma buthom ukoll?*

*[...]*

*Nibża' li jekk dan id-dragun jibqa' jgawdi l-protezzjoni u jitħalla ħieles mingħajr ebda lġiem, ikollna ngħidu xorta oħra – ikollna ngħidu li "Għawdex kollu tbiddel f'ċimiterju" –, għax jekk ma*

*jkunx hemm imwiet fiżiċi, ċertament ikun hemm imwiet psikiċi u soċjali.*

*Min isir skjav tad-droga mbagħad jagħmel dak kollu li jiġi għal idejh biex jissodisfa d-dipendenza tiegħu. Naf b'familji li ftaqru għax uliedhom inħakmu f'dawn ix-xbieki. Oħrajn, wara li dewquhom id-droga, qabdu t-triq tal-kriminalità, bħalma huwa l-logħob tal-azzard, l-użura u s-serq.*

*Kien hemm min stagħna sew mill-kummerċ tad-droga, u biex jaħbu dnubhom ħolqu sistemi 'puliti' kif jaħslu l-flus. Darba wieħed qalli li meta kien imsiefer daħal f'bar jieħu kafè. Meta ħallas u talab irċevuta, tal-ħanut tah irċevuta ta' €100! Irrid nittama li s-sistema fiskali ta' pajjiżna hija serja biżżejjed biex dawn l-abbużi ma jiġrux.*

*[...]*

*Importanti nikkonvinċu ruħna li wieħed ma jiġġilidx id-droga bid-droga, lanqas b'dik li tissejjaħ droga ħafifa. Id-droga hija ħażina u ma għandna nagħmlu ebda ċediment jew kompromess dwar l-użu tagħha.*

*[...]*

*Għandna l-forza tal-ordni li bħala gwardjani tal-ġid komuni huma attenti biex ma jonogħsux u jiġrilhom li jagħmlu l-għarix wara li*

*jkun telaq il-bettieħ. Biex il-forza tal-ordni tkun effettiva, hija teħtieġ il-koperazzjoni tas-soċjetà.*

*[...]*

*Bir-raġun nittamaw li dawk li għandhom ir-responsabbiltà tat-tmexxija jieħdu deċiżjoni meħtieġa biex jindirizzaw din il-pjaga.*

*[..]*

*Wieħed jista' jaħsel il-flus u ma jinqabadx; imma kuxjenza mċappsa bid-demm innoċenti ma tinħasilx malajr!*[29]

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u r-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 tal-1939) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati tar-raba' u l-hames imputazzjoni u minnhom tilliberah, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet, u qed tikkundannah ghall-piena ta' **tmintax-il xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' elf Euro (€1,000)**.

---

[29] ***Id-droga hi dragun mirbuh***, Mario Grech, Isqof ta' Għawdex nhar it-Tlieta 15 ta' Awwissu 2017

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori ta' dan il-kaz, liema spejjez b'kollox jammontaw ghas-somma ta' tliet mija u erbgha' u sittin Euro u sebgha u sittin centezmu (€364.67)[30] u ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mad-droga esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija li x-xhud Zael Vella tkun investigata dwar xhieda falza li tat f'dawn il-proceduri u jekk jirrizulta jittiehdu passi kriminali kontra taghha. U jekk mhux diga' sar hekk, ikunu investigati l-persuni kollha li semmiet Zael Vella fl-istqarrijiet originali in konnessjoni mal-abbuz tad-droga u Lorton Spiteri u jekk jirrizulta li hemm ghaliex jittiehdu passi kriminali, isir dan minnufih.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[30] DRITT ESPERTI: € 259.42 – Spizjar Godwin Sammut u €105.25 – Max Xuereb